NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 121

Jannar - Marzu 2026



**F'isem il-President u l-Membri tal-Kunsill
nawguraw lill-Anzjani kollha Maltin u Għawdxin
Milied hieni u Sena Ġdida
mimlija ġid, risq, hena, barka, saħħa u sliem**

## F'din l-edizzjoni...



**13**

**Konferenza
bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (KNA)
flimkien mal-Għaqdiet Affiljati**



**15**

**Laqgħat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani
ġewwa Għawdex**

# Ħidma Favur l-Anzjanità Attiva

## Investiment sinifikanti li  jolqot lill-anzjani fil-Bagit tas-sena d-dieħla



Fil-baġit li, għall-ewwel darba, qabeż in-nefqa ta' €337 miljun għall-Anzjanità Attiva biss, jibgħat messaġġ ċar li l-anzjani għandhom post ċentrali fis-soċjeta' tagħna.  Dan l-investiment qawwi, li jinkludi aktar minn €154 miljun allokati għas- servizzi ta' San Vinċenz de Paul, huwa rikonoxximent konkret li l-anzjanità għandha tkun mhux biss attiva, imma rispettata u sostnuta b'għodod konkreti.

Il-miżuri fil-baġit huma intiżi biex jagħmlu differenza sinfikanti fil-ħajja ta' kuljum tal-anzjani. Mill-2026, sussidju ogħla taħt l-iskema Home Helper of Your Choice se jippermetti li aktar anzjani jimpjegaw helper tal-fiduċja tagħhom b'rata ta' €10 s-siegħa.  L-istess jgħodd għall- iskema Carer at Home, li se toffri €500 żieda fis-sena, b'total ta' €9,000 għal iktar minn 1160 anzjani li jirċievu kura fid-dar tagħhom.  Dawn mhumiex biss numri, iżda miżuri konkreti li joffru libertà u kontroll lill-anzjani fuq kif jirċievu l-kura tagħhom.

Il-baġit jinkludi wkoll investiment konsiderevoli  fl-infrastruttura. Bħala parti mill-programm tar-rinovar ta' San Vinċenz de Paul li qed tittrasformah b'mod sostanzjali, b'rinnovar tas-Sala St Francis u bl-introduzzjoni ta' servizzi u armar mediku ġdid, bħalma hi l-magna tas-CT Scanner, issa tnieda wkoll il-bini ta' sptar ġdid ta' 300 sodda għall-kura intermedjarja, kura temporanja għal anzjani li, filwaqt li ma jeħtiġux aktar kura intensiva, fl-istess ħin, għadhom mhux lesti biex jirritornaw id-dar.

Fl-istess waqt, ser issir estensjoni tal-ħidma fil-komunità. Servizzi bħal Meals on Wheels, Home Help u Telecare+ qed jiġu modernizzati biex joffru esperjenzi ta' kwalità.  Iċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva għandhom jinbidlu f'nuklei ta' enerġija, fejn jiltaqgħu l-anzjani biex jieħdu sehem f'attivitajiet u jkomplu jagħtu kontribut lis-soċjetà.

Il-baġit ta' din is-sena joffri viżjoni fit-tul, għaliex huwa mhux biss jindirizza l-ħtiġijiet tal-lum, imma wkoll jibni sisien għall-ġejjieni ta' Malta 2050  f'soċjeta'  li, l-anzjani tarahom riżorsa minflok piz; pajjiż li, bil-fatti, japprezza l-esperjenza u l-kontribut tal-anzjani u li joħloq sistema li tagħti appoġġ, għażla u rispett lill-anzjani kollha f'kull stadju tal-ħajja. Dan għandu jkun pass konkret 'il quddiem, mhux biss għall-anzjani, imma għas-soċjetà kollha kemm hi.



**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Text Layout & Distribution:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony De Giovanni

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju u Segretarju Internazzjonali:**
Emanuel Deguara

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Andrè Vassallo Grant

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Mary Farrugia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Lino Debono
Anthony Grech
Emanuel Grima
Alfred Mallia
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## *EDITORJAL*

# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**



Tafu xi tfisser il-kelma 'empatija'? Ma tafux? Mel' isimgħu din l-istorja!

Ġurdien, li kien jgħix f'razzett, ittawwal mit-toqba tiegħu u ra lir-raħħal u lil martu joħorġu xi ħaġa li kienet imgeżwra fil-karti. Il-ġurdien twerwer hekk kif intebaħ li, f'idejhom, kellhom nassa tal-ġrieden. Dlonk ġera lejn l-għalqa biex iwissi lil kulħadd. Iltaqa' mat-tiġieġa u qalilha: "Ir-raħħal għandu nassa!"

It-tiġieġa qaltlu: "U jien fiex nidħol?" u tqagħqi kienet u tqagħqi baqgħet.

Il-ġurdien mar ħdejn in-nagħġa u qalilha l-istess ħaġa u n-nagħġa qaltlu: "Imma jien x'għandi x'naqsam? u baqgħet tiekol il-ħaxix.

Meta ra hekk, il-ġurdien sab il-baqra u tennielha l-istess twissija imma l-baqra qaltlu: "Jien ma jinteressanix għax, lili, dik ma taffettwanix!" u kompliet tirgħa.

Il-ġurdien mar lura fit-toqba tiegħu ħosbien u mnikket għall-aħħar. Dak il-lejl, instemgħet tifqija kbira. Il-ġurdien ittawwal mit-toqba mwerwer. Il-mara tar-raħħal ħarġet minn kamritha biex tara x'kien ġara. Fid-dlam, ma ndunatx li n-nassa kienet qabdet serp velenuż. Is-serp dar għaliha u gidmilha saqajha. Il-mara telgħalha deni qawwi u żewġha kellu joħodha l-isptar fejn għamlulha dak kollu li setgħu jagħmlulha u bagħtuha d-dar.

L-għada, ir-raħħal ħaseb biex jagħmlilha naqra brodu tajjeb. Qabad is-sikkina, mar ġab it-tiġieġa, ħanxrilha għonqha, nittifha, naddafha u xeħitha fil-misħun jagħli. Meta l-mara baqgħet ma rpiljatx, ġew ħafna ħbieb u ġirien biex jarawha u r-raħħal qatel in-nagħġa u sajrilhom daqsxejn stuffat kif jaf hu. Il-mara baqgħet sejra lura u, wara ftit jiem, tilfet il-ġlieda mal-ħajja u r-raħħal kellu jbigħ il-baqra lill-biċċerija biex ikollu flus biżżejjed għall-funeral.

Issa tafu xi tkun empatija? Għadkom ma fhimtux? Mela ħa ngħidilkom jien! Empatija tfisser li tifhem il-karbiet, l-għawġ, in-niket u l-gwaj ta' ħaddieħor. L-istorja t'hawn fuq għandha sservi ta' lezzjoni għal kull wieħed u waħda minna. Quddiem il-problemi ta' ħaddieħor, għandna naħsbuha darbtejn qabel ngħidu li, lilna, dawn ma jikkonċernawniex u, allura, ma nagħtux kashom. Meta xi ħadd ikun jeħtieġ l-għajnuna tiegħek, iddawwarx wiċċek in-naħa l-oħra billi tgħid li dik mhix problema tiegħek. Poġġi lilek innifsek minflokhom. Ifhem x'inhuma l-beżgħat u l-weġgħat tagħhom. Tihom l-għajnuna, il-faraġ u s-solljev li tista'. Din l-għajnuna tista' tkun kemm materjali kif ukoll morali bħal, ngħidu aħna, parir siewi jew kelma ta' inkoraġġiment. Jiena ngħid li, anki jekk tkun egoist, jaqbillek tgħin lil min hu fil-bżonn ħalli ħaddieħor jgħin lilek meta tkun teħtieġ int. Barra minn hekk, il-problemi li ħaddieħor għandu llum, jistgħu, għada pitgħada, jaffettwaw lilek ukoll. Meta tgħin lili, għandek imnejn li, mingħajr ma taf, jista' jkun li tkun qed tgħin lilek innifsek ukoll. Għax, kif jgħidu, ħadd mhu gżira. Il-ħajjiet tagħna fuq din id-dinja tant huma minsuġin ma' xulxin li, kull ħaġa li nagħmlu, jew li nonqsu li nagħmlu, taffettwa lil ħafna nies oħrajn; kemm direttament kif ukoll indirettament.

Id-dinja sejra lura mhux biss minħabba n-nuqqasijiet ta' min hu malinn imma anki b'riżultat ta' min ma jagħtix kas għax iħoss li l-affari mhix biċċa tiegħu! Għadni kemm sirt naf li, fid-Danimarka, l-empatija hija suġġett mgħallem fl-iskola, bħax-xjenza u l-matematika. Immaġinaw kieku nagħmlu l-istess u nagħtu lil uliedna l-għodda meħtieġa biex nibnu dinja li tkun taf tħenn.

Mhux li kien li kulħadd jifhem u jipprattika l-empatija! Jekk m'għandekx empatija, kif tista' tħoss, tagħder, tgħin u taħfer lill-oħrajn? U, hekk, ngħixu ferm iktar aħjar u kuntenti wkoll. Darba, xi mkien, qrajt li l-aqwa eżerċizzju għall-qalb huwa li titbaxxa u ttella' lil ħaddieħor 'il fuq! Il-ħajja forsi mhix il-ballu li nixtieqhere aħna imma, sakemm qegħdin hawn, mhux aħjar nizfnu ftit flimkien? Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Miżuri ġodda għalina l-pensjonanti fil-baġit 2026

*Kitba ta' Emanuel Deguara*



Diġà għaddiet sena mindu tkellimna fuq il-baġit għal 2025 u llum qegħdin fil-perjodu ta' wara li l-Ministru tal-finanzi qara d-diskors tal-baġit għas-sena 2026. Għalhekk, tajjeb li nelenkaw il-miżuri li l-iżjed li jolqtu l-anzjani u l-pensjonanti.

- Żieda ta' €10 fil-ġimgħa fil-pensjoni lil 100,000 pensjonant tal-irtirar, tal-invalidità u romol kif ukoll lil dawk li huma intitolati għal pensjoni tal-età (mhux kontributorja).

- Żieda addizzjonali li tilħaq medja ta' €3.50 fil-ġimgħa lil 7,000 pensjonant romol.

- Żieda ta' €10 fil-ġimgħa fl-allowance lil 1,000 persuna li huma romol u li għadhom irabbu. Din l-allowance ser tiġi estiża sakemm l-ulied jilħqu t-23 sena.

- Żieda fl-'Allowance' Supplimentari. Ir-rata massima li titħallas lill-koppji ser togħla għal €27.30 fil-ġimgħa filwaqt li dik tal-persuni singoli ser tiżdied għal €14.40 fil-ġimgħa. Il-limitu tad-dħul ser jitla' għal €20,000 għall-koppji u €14,000 għal persuni singoli.

- Tibdil ieħor huwa fis-suppliment annwali li jitħallsu persuni fl-età ta' 65 sena u aktar. Dan ser jiżdied b'€100 għal €250 u, fil-każ ta' koppji, ser jibda jitħallas liż-żewġ konjuġi f'din l-età minflok lil wieħed minnhom, kif dejjem sar s'issa.

- Żieda fir-rati tal-Bonus tal-Għoli tal-Ħajja li jirċievu l-pensjonanti minħabba li dawk li ħadu l-pensjoni mis-sena 2009 isofru minn diskrepanza skont meta rtiraw. Fil-fatt, l-2026 ser tkun l-aħħar sena li jkun hemm ħlas ta' rati varji għax, mill-2027, kull pensjonant ser jirċievi l-istess rata fissa ta' €21.53 fil-ġimgħa, irrispettivament mis-sena li fiha rtira.

- Żieda ta' bejn €2 u €14 fil-ġimgħa lil madwar 5,000 ruħ fil-pensjonijiet tal-miżżewġin li qed jirċievu pensjoni b'rati mnaqqsa għax il-konjuġi tagħhom qed jirċievu pensjoni. Dan ser jitwettaq bit-tneħħija tad-differenza li teżisti fir-rati tal-pensjoni ta' dawk li qed jirċievu l-Pensjoni Minima Nazzjonali, il-Pensjoni tal-Invalidità jew Pensjoni Minima taż-Żewġ Terzi. Kienet ħafna inġusta li dawk bl-inqas pensjoni kienet titnaqqsilhom ir-Rata għax il-konjugi jirċievu l-pensjoni huma wkoll.

- Żieda ta' €200 fil-pensjoni kommutata tal-pensjonanti tas-servizz li jkollhom pensjoni tas-sigurtà soċjali biex din titla' għal €3,866 u dawk il-pensjonanti tas-servizz li jilħqu l-età ta' 72 sena, l-ammont kollu kkommutat mill-pensjoni tas-servizz jiġi injorat. Madwar 7,000 pensjonant ser jibbenefikaw minn dan l-aġġustament.

- Żieda ta' €50 fil-bonus lil dawk li mhumiex eliġibbli biex jirċievu pensjoni. Il-bonus issa se jvarja minn €600 għal min ħallas sa sena bolol għal €1,050 għal min ħallas sa 9 snin bolol.

- Żieda ta' €75 fl-għotja li titħallas lil anzjani li jgħixu fi djarhom jew mal-qraba u lil dawk li jħallsu minn buthom biex jgħixu fi djar tal-kura privati. L-għotja issa ser tilħaq €425 għal dawk fl-età ta' bejn 75 u 79 sena u €525 għal persuni fl-età ta' 80 sena u aktar. 45,500 persuna ser jibbenefikaw minn din l-għotja.

- Żieda ta' €10 fil-ġimgħa fl-allowance li titħallas lil persuni dipendenti fuq id-droga li jkunu qed jattendu programm ta' rijabilitazzjoni. Kemm-il darba jtemmu b'suċċess il-programm ta' rijabilitazzjoni u jsibu xogħol fiss, minn din is-sena ngħataw id-dritt li jikkwalifikaw għal 4 snin kontribuzzjonijiet akkreditati tas-sigurtà soċjali. Min iħaddimhom ser ikun eżentat mill-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom għal sentejn. Għalkemm din il-miżura ma taffettwax direttament lil pensjonanti preżenti, xorta qed insemmiha, għax tikkonċerna l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali u, għaldaqstant, taffettwa lil pensjonanti tal-ġejjieni.

- Żidiet fl-assistenzi għal 'Carers'. Iż-żieda fil-Paga Minima Nazzjonali u l-COLA ser tkun riflessa f'rati

ogħla li jitħallsu fil-ġimgħa lil ‘Carers’ hekk: ‘Allowance’ Miżjuda għal Carers; żieda ta’ €4.66, ir-rata titla’ għal €183.68 fil-ġimgħa kif ukoll ‘Allowance’ għal ‘Carers’ żieda ta’ €4.66, ir-rata titla’ għal €130.58 fil-ġimgħa.

- Mekkaniżmu addizzjonali kontra l-għoli tal-ħajja. Ser ikompli jitħallas il-ħlas addizzjonali kontra l-għoli tal-ħajja. Minn meta ġie varat dan il-mekkaniżmu fl-aħħar tal-2022, medja ta’ 85,000 familja u persuni singoli tħallsu bejniethom aktar minn €100 miljun.

- Titjib ieħor għal pensjonanti li twieldu qabel l-1962. Minbarra ż-żieda ta’ 10 euros fil-ġimgħa, pensjonanti mwielda qabel l-1962 jistgħu jgawdu minn titjib ieħor jekk jikkwalifikaw għal aġġustament fil-pensjoni tagħhom bħala parti mill-proċess li għaddej biex jonqos id-distakk li rriżulta mir-riforma li saret fl-2006 fid-Dħul Pensjonabbli Massimu ma’ pensjonanti oħra li twieldu wara l-1962. L-aġġustament japplika għal dawk il-persuni li, kieku għadhom jaħdmu, is-salarju tagħhom fl-2026 ikun jaqbeż id-Dħul Pensjonabbli Massimu rivedut ta’ €25,500. Hu stmat li madwar 20,000 pensjonant, fosthom pensjonanti romol, ser jibbenefikaw minn dan it-titjib.

- Eżenzjoni mit-taxxa għall-pensjonanti. Għal darb’oħra, il-pensjonanti mhux ser iħallsu taxxa fuq l-ekwivalenti tal-pensjoni massima, inkluż il-bonusijiet. Barra minn hekk, għal dawk il-pensjonanti li għandhom dħul li jaqbeż dan l-ammont, inkluż dawk li jaħdmu, mis-sena d-dieħla d-doppju tal-ekwivalenti tal-pensjoni massima ser ikun eżenti mid-dħul taxxabbli u mhux ser ikun ikkalkulat għal fini ta’ taxxa. Din l-eżenzjoni addizzjonali bdiet tapplika b’mod gradwali fl-2022 u s-sena d-dieħla ser tkun twettqet kompletament. Ta’ min jiftakar li anki r-romol huma eżentati mill-ħlas tat-taxxa b’riżultat ta’ miżura li daħlet fis-seħħ sentejn ilu.

- Ħlas b’lura ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali neqsin. Persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom jistgħu jħallsu b’lura kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali nieqsa biex, meta jirtiraw, ikunu eliġibbli għal pensjoni kontributorja jew itejbu r-rata tal-pensjoni tagħhom. L-iskema tippermetti li jsir pagament sa massimu ta’ 5 snin ta’ kontribuzzjonijiet sakemm il-persuna tkun għadha taħdem bi qligħ u fl-età ta’ bejn 59 u 64 sena. Filwaqt li dan il-kriterju ser jibqa’ għal min iħallas kontribuzzjonijiet neqsin biex itejjeb il-pensjoni tiegħu, ser ikun hemm tibdil biex il-ħtieġa li persuna tkun qed taħdem titneħħa biss f’każ fejn il-persuna għandha bżonn tħallas kontribuzzjonijiet neqsin biex tilħaq il-minimu ta’ 10 snin biex tikkwalifika għall-pensjoni.

- Matul il-pandemija tal-COVID ingħataw għajnuniet lil-ħaddiema u n-negozji, inkluż dawk li jaħdmu għal rashom. Is-sena d-dieħla, ser ikun hemm konċessjoni lis-‘self-employed’ biex, f’każ li ħallsu kontribuzzjoni baxxa jew ma ħallsuhiex minħabba l-COVID, ser jingħataw l-opportunità li jirregolarizzaw ruħhom.

- Titjib fl-eliġibilità għal pensjoni kontributorja. Il-kriterju minimu ta’ snin ta’ ħlas ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali biex persuna tikkwalifika għal pensjoni jvarja skont f’liema sena persuna tkun twieldet. Għal dawk imwielda qabel l-1962, il-minimu huwa ta’ 10 snin kontribuzzjonijiet imħallsa wara l-età ta’ 18-il sena u, f’każ li persuna ma tgħaqqadx l-10 snin wara li tagħlaq it-18-il sena, mill-2021 ’l hawn jistgħu jgħoddulha dawk imħallsa qabel. Imma dan ma japplikax għal dawk li twieldu fis-snin ta’ wara, minbarra li l-minimu li għandhom bżonn, ivarja sa ftit aktar minn 12-il sena ta’ kontribuzzjonijiet. Biex persuni b’għadd baxx ta’ kontribuzzjonijiet jingħataw l-istess opportunità li jikkwalifikaw għal pensjoni minima, ser issir emenda fil-liġi biex il-minimu ta’ 10 snin ta’ kontribuzzjonijiet ikun japplika għal kull persuna, twieldet meta twieldet, inkluż li, jekk ikun meħtieġ, ikunu kkunsidrati anki kontribuzzjonijiet imħallsin qabel l-età ta’ 18-il sena bl-istess mod imsemmi iktar ’il fuq.

- Titjib għal koppji anzjani li jkunu fi djar għall-anzjani. Anzjani li jkunu għal kura fi djar tal-anzjani jħallsu parti mill-pensjoni tagħhom, skont il-livell ta’ kura. Dan ivarja minn 60% sa 80% tal-pensjoni u 60% tad-dħul addizzjonali. Meta xi ħadd minn koppja jidħol f’tali dar, inkluż San Vinċenz, il-konjuġi li jibqa’ d-dar iżomm 70% tal-pensjoni u nofs il-bonusijiet tal-konjuġi li jkun rikoverat. Imma, meta l-koppja jkunu t-tnejn ġo tali istituzzjoni, it-tnaqqis isir bis-60% jew 80% applikabbli mid-dħul globali tagħha. Mis-sena d-dieħla, ser ikun hemm tibdil biex, f’dan il-każ, meta ż-żewġ membri tal-koppja jkunu għal kura, minflok 60%, jitnaqqsilhom 50% mid-dħul totali filwaqt li, fejn illum japplika tnaqqis ta’ 80%, ser jibda jitnaqqsilhom 70%. Dan biex dawn il-koppji jibqgħalhom aktar flus fi bwiethom għal bżonnijiet oħra personali li jkollhom.

- Titjib fit-tnaqqis fit-taxxa għal miżati mħallsa għal anzjani/persuni b’diżabilità/ċentri ta’ serħan. Sal-lum, persuni li jħallsu miżati għal residenza tal-anzjani jew ċentri ta’ serħan għal persuni b’diżabilità, jistgħu jnaqqsu sa €2,500 minn dawn l-ispejjeż mid-dħul tagħhom. Dan l-ammont ilu snin ma jinbidel u, allura, ser ikun qed jiżdied għal €4,500 ħalli jgħin lil dawk li jnaqqsu mill-piż fuq l-istituzzjonijiet statali billi

jużaw faċilitajiet privati.

- Titjib fil-Pensjoni għall-Invalidità. Illum, fadal anqas minn 2,500 persuna fuq dan il-benefiċċju grazzi għal struttura aktar effikaċi li tiġġieled l-abbuż. Minkejja dan, ikun hemm persuni li, ġenwinament, ma jkunux jifilħu jaħdmu, speċjalment dawk bl-ogħla grad ta' inkapaċità, li jinkludu nies li jkunu mardu serjament, eżempju bil-kanċer. Dawn illum jitħallsu l-ekwivalenti tal-Paga Minima Nazzjonali netta. Mill-2026, ser jibdew jirċievu l-ekwivalenti tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi li kienu jirċievu kieku rtiraw.

- Pensjoni għal Invalidità Parzjali. Mis-sena d-dieħla, ser ikompli l-impenn lejn is-saħħa mentali u, b'hekk, ser jidħol il-kunċett ta' Pensjoni għal Invalidità Parzjali. Dan il-benefiċċju ser jagħmilha possibbli li persuni jkunu jistgħu jagħmlu xi ftit xogħol waqt li jieħdu l-pensjoni fuq ordni tal-ispeċjalista kuranti. Dan ser ikun possibbli għal persuni li jkunu ċċertifikati medikament li jbagħtu minn 'bipolar disorder' jew dipressjoni bi psikożi jew akuta u li jkunu ilhom jirċievu kura regolari għal dik il-kundizzjoni għal mill-inqas 3 snin u li l-kundizzjoni tagħhom tkun ġiet iċċertifikata minn psikjatra li jkun konsulent impjegat mal-Gvern.

- Inġustizzji tal-imgħoddi. Dawk eliġibbli taħt dawn l-iskemi ser ikunu qed jirċievu pagament ieħor matul is-sena d-dieħla. Qed nitkellmu dwar persuni li kienu ingaġġati mal-Korporazzjoni Telemalta bejn l-1 ta' Jannar tal-1978 u l-15 ta' Jannar tal-1979 li, minħabba tibdil fil-politika tal-korporazzjoni, naqsu milli jikkwalifikaw għal skema ta' pensjoni simili għal dik li kienet tapplika sal-bidu tal-1979 għall-impjegati fis-servizz pubbliku; Eksħaddiema tal-*Malta Drydocks* u tal-*Malta Shipbuilding* li, fl-2003, b'mod arbitrarju, kienu trasferiti mal-*Industrial Projects and Services Ltd* b'telf fid-dħul tagħhom; Eksħaddiema tal-*Gas Board* li kienu trasferiti mal-Korporazzjoni Enemalta; Eksimpjegati tar-*Rediffusion Group of Companies* li kienu ġew assimilati mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1975 u persuni oħra li kienu ingaġġati fil-fergħa tax-xandir tal-korporazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 1978. Sal-lum, diġà tħallsu mad-90 miljun ewro għal dawn l-inġustizzji u, għas-sena d-dieħla, ser jiġu allokati €3.5 miljun oħra.

- Twessigħ ta' eliġibilità għal krediti ta' kontribuzzjonijiet għat-trobbija tal-ulied. Ġenituri li jieqfu mix-xogħol għal xi żmien biex irabbu lil uliedhom, jingħataw krediti tal-bolla sakemm il-wild jilħaq l-età ta' 6 snin jew, fil-każ ta' wild b'diżabilità jew b'mard rari, l-età ta' 10 snin. Mis-sena d-dieħla, ser tiġi estiża din l-eliġibilità għall-għoti ta' dawn il-krediti sal-età ta' 10 snin għall-ewwel tlett itfal fil-familja. Fejn ikun hemm aktar minn tlett itfal, l-età tat-tfal fil-perjodu kopert għall-krediti tiżdied b'sena oħra għal kull wild. Il-limitu massimu tal-età f'dan ir-rigward ser jitneħħa fil-każ ta' familji li jkollhom, mill-anqas, wieħed mill-ulied b'diżabilità jew b'mard rari.

- Estensjoni notevoli fl-età tal-intitolament tal-Kartuna r-Roża minn 75 għal 65 sena. Għaldaqstant, persuni minn 65 sena 'l fuq li jkunu qed jirċievu l-Għajnuna Supplimentari, ser ikunu intitolati awtomatikament u bla ħlas għall-mediċini preskritti taħt il-Kartuna r-Roża u dan mingħajr il-ħtieġa li jissodisfaw it-test tal-mezzi.

Għal-lum nieqaf hawn u nittama li jkollna l-opportunitá li, darb'oħra, nelenkaw miżuri oħrajn ġodda li jaffettwaw lill-Anzjani f'dimensjoni iżjed wiesgħa minn dik għal pensjonanti biss. Sadakittant, nixtieq lil kulħadd is-saħħa, is-sliem u ħajja ħienja.



## Limerikk

***Vincent Piccinino***

Kien hemm vagabond minn Wied Qiegħed

li ħabtu għalih ċorma briegħed.

Tabib malandat

ordnalu ġelat

u bagħtu għand Alla, jitriegħed!

# Il-Malti ħafif rixa



***Kitba ta' Anthony Cardona, B.A. M.A. S.Th.D.***

**Fejn se npoġġi dik l-imbierka** GĦ? – It-tieni parti

Għadkom tiftakruha r-regola tal-verbi li ghandhom **għ** fin-nofs? Konna għidna li tqabbilhom ma' Se**R**aQ u, fejn tiġi l-**R**, tiġi l-**GĦ**. Mela l-verbi tal-ewwel forma jiġu hekk:

Se**R**aQ - mela La**GĦ**aB, Xe**GĦ**eL, Ba**GĦ**aT
S**R**aQT - mela L**GĦ**aBT, X**GĦ**eLT, B**GĦ**aTT
Se**R**Qu - mela La**GĦ**Bu, Xe**GĦ**Lu, Ba**GĦ**Tu

Meta niġu għall-verbi tat-tielet forma jiġri l-istess imma, f'dal-każ, barra mill-problema tal-**GĦ**, hemm ukoll dik tal-vokali twila **IE**. L-ewwel naraw fejn tpoġġi l-**GĦ**. Il-verb mudell tat-tielet forma huwa Bie**R**eK. Il-verbi tat-tielet forma li għandhom l-GĦ bħala t-tieni konsonanti tal-għerq jitqabblu ma' BieReK kif naraw f'dawn l-eżempji:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Bie**R**eK | - mela | Wie**GĦ**eD | Qie**GĦ**eD | Bie**GĦ**eD |
| Be**R**iKT | - mela | We**GĦ**iDT | Qe**GĦ**iDT | Be**GĦ**iDT |
| NiTBie**R**Ku | - mela | NiTWie**GĦ**Du | NiTQie**GĦ**Du | NiTBie**GĦ**Du |

Indunajtu li, anki fil-verbi tat-tielet forma, l-**GĦ** tiġi fejn tiġi l-**R**? Però, tagħtux kas ta' kif nippronunzjawhom għax dik ħaġ'oħra. Hawn qed nitkellmu dwar l-ortografija, jiġifieri, kif għandhom jinkitbu dawn il-verbi skont il-mudell.

Kif għidna, fil-każ tal-verbi tat-tielet forma, hemm ukoll il-karatteristika tal-vokali twila fl- ewwel sillaba, kif naraw f'dawn l-eżempji:

Bie/ReK, Sie/FeR, Wie/ĠeB, Qie/GĦeD, Bie/GĦeD. Ir-regola tal-vokali IE hija sempliċi. Fejn hemm l-IE, dejjem irid ikun hemm l-aċċent twil fuqha, pereżempju:

Ġie/GĦeL, Bie/ReK, Sie/FeR, Wie/ĠeB. Imma, imbagħad, meta nikkonjugaw il-verb, niktbu: BeRiKT, SiFiRT, WeĠiBT għax l-aċċent jimxi għal fuq is-sillaba ta' wara u, allura, l-IE taqa'. Hekk ukoll niktbu:

QeGĦiDT, ĠeGĦiLT, BeGĦiDT. Nerġa' ngħid, tagħtux kas tal-pronunzja jew, aħjar, kif inlissnuhom, għax aħna ngħiduhom kif jinħassu, jiġifieri, qett, ġelt u bedt, peress li l-għ hija bla leħen. Issa ejja naraw xi eżempji ta' kif jinkitbu l-verbi tat-tielet forma meta jkunu kkonjugati mal-pronomi mehmużin:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| BieReK | WieĠeB | BieGĦeD | SieFeR | QieGĦeD | ĠieGĦeL |
| BeRiKT | WeĠiBT | BeGĦiDT | SiFiRT | QeGĦiDT | ĠeGĦiLT |
| BeRKuHoM | WeĠBuHoM | BeGĦDuHoM | SiFRuHoM | QeGĦDuHoM | ĠeGĦLuHoM |
| INBieRKeK | INWieĠBeK | INBieGĦDeK | INSieFReK | INQieGĦDeK | INĠieGĦLeK |
| BeRKiTHoM | WeĠBiTHoM | BeGĦDiTHoM | SiFRiTHoM | QeGĦDiTHoM | ĠeGĦLiTHoM |

Dawn il-ftit regoli mhumiex diffiċli biex tiftakarhom. Il-parir tiegħi hu li tibqgħu tipprattikawhom kif għandhom jinkitbu skont il-mudelli tagħhom. Jista' jkun li jkun hemm min jaqta' qalbu għax jara li hemm differenza bejn kif jippronunzjahom u kif jiktibhom. Imma dan m'għandux għalfejn ikun. Fil-kitba dejjem trid iżżomm mal-mudell; fejn tiġi l-**R**, tiġi l-**GĦ** u l-vokali twila **IE** tibqa' biss jekk jibqa' l-aċċent twil fuqha. Iktbuhom ħafna drabi sakemm jirnexxilkom tiktbuhom tajjeb. Dan, bħal meta titgħallem issuq il-karozza; għandek salt regoli li trid titgħallimhom imma, imbagħad, bil-prattika, kollox isir awtomatiku. Jekk issuq skont ir-regoli tat-traffiku, ma tantx għandek ċans taħbat imma, jekk ma tobdix ir-regoli u ssuq bl-addoċċ, iktar faċli toħloq inċident. Mhux aħjar uff mill aħħ? Fil-każ tal-ilsien Malti, mhux aħjar tikteb b'Malti tajjeb milli b'Malti ħażin? Mela, moħħkom hemm għax, darb'oħra, ġej test!

# Ġieħ lill-kantanti tal-opra Maltin b'karrieri internazzjonali



*Kitba tal-Kavallier Tonio Portughese*
*Riċerkatur u Kritiku Mużikali*

Malta għandha patrimonju straordinarju fil-qasam tal-mużika tal-opra. Wara li pproduċejt erbgħa u għoxrin programm fuq l-istorja tal-mużika u tal-opra ta' Malta għar-radju tal-Università, *Campus FM*, irrealizzajt li għandna ħafna esponenti oħrajn, speċjalment kantanti liriċi, li wkoll jixirqilhom li nibqgħu nfakkru s-suċċess tagħhom. Riċerka li għamilt tat spazju wkoll lil ħafna kompożituri li bnew is-sisien tal-vjaġġ mużikali ta' pajjiżna. Meta kkonċentrajt fuq il-mużika sagra, sibt, fost oħrajn, lil Giuseppe Balzano, Gerolamo Abos, Francesco Azopardi, Benigno Zerafa, Pietro Paolo Bugeja, Paolino Vassallo u Carlo Diacono flimkien mad-dinastija tal-familja Nani. Sibt ukoll tagħrif estensiv dwar il-kompożitur Nicoló Isouard, magħruf bħala *Nicoló de Malte* għall-produzzjonijiet mużikali tiegħu fi Franza, fejn kiseb ħafna rikonoxximent.

Fl-imgħoddi, kelli okkażjoni nikteb ukoll dwar kompożituri aktar riċenti, bħal Carmelo Pace, u l-opri *Caterina Desquanez*, *I Martiri*, *Angelica* u *Ipogeana*; librett tal-mibki poeta u artist, Vincenzo Maria Pellegrini, li kien stedinni nikteb in-nota rijassuntiva bit-Taljan li fiha emfasizzajt kif il-kompożitur Pace u l-librettist Pellegrini amalgamaw il-mużika u l-istorja lirika tal-Ipoġew. F'dan il-qasam ta' opri kontemporanji jidħlu wkoll Charles Camilleri, bl-ewwel opra bil-Malti, Il-Wegħda; l-opra *Compostella*, b'librett tal-Professur Reverendu Peter Serracino Inglott u *The Maltese Cross,* li kienet ġiet esegwita f'Pariġi. Aktar reċenti, insibu wkoll lill-mibki kompożitur Joseph Vella bl-opra kontemporanja *Valeriana*.

Ħafna minn dan it-tagħrif storiku huwa dovut liż-żewġ riċerkaturi ewlenin, Alfred G Miceli (L-Istorja tal-Opra f'Malta – 1631 u 1866) u Joseph Vella Bondin bil-volumi tiegħu bl-ismijiet ta' *Il-Mużika ta' Malta sal-aħħar tas-Seklu Tmintax* u *The Great Composers of Malta*.

Wara li diġà kont ktibt fit-tul dwar it-tenur u attur Oreste Chircop, is-sopran internazzjonali Miriam Gauci u t-tenur famuż Joseph Calleja, tħajjart nagħmel analiżi ta' tliet kantanti u għalliema tal-istorja operistika ta' Malta. Speċifikament, ħassejt li għandi nagħti ġieħ lill-kontribut ta' tliet kantanti bi statura internazzjonali ħalli l-memorja tagħhom ma tintilifx għal kollox bħalma jiġri f'dinja mgħaġġla li għandha t-tendenza li twarrab u tinsa lill-aqwa fost uliedha, anki jekk dawn ikunu għamlulha l-ogħla ġieħ.

F'dan il-kuntest, laqtitni ħafna osservazzjoni ferm relevanti li għamlet il-kittieba Ingliża, Sue Brown, fil-bijografija li kitbet dwar it-tenur u għalliem, Paul Axiak. Fix-xogħol tagħha, *The Life of Paul Asciak, tenor and teacher from Malta*, taħt l-appellattiv, *Small island, great riches,* Sue Brown tgħid hekk:

*Some maps of Europe fail to show Malta at all … in others, like the one on the euro notes, it, necessarily, appears much larger than its actual size. For Malta is tiny; just seventeen miles long by nine miles wide ... But those maps which exaggerate Malta's presence contain a sort of truth for Malta's historical importance is out of proportion to its size. An astonishing array of singers has come from this small, out-of-the-way place.*

Bħala eżempji, Sue Brown issemmi lil Giuseppe Satariano u lil Paul Asciak li żgur jixirqilhom li nfakkru l-memorja tagħhom. Magħhom, jien ninkludi wkoll lis-sopran, vjolinista u għalliema, Juliet Bisazza u, infatti, ser nibda biha.



**Juliet Bisazza** twieldet fl-1939. Kienet tagħmel parti minn familja ta' mużiċisti magħrufin u, wara li studjat fir-*Royal Academy of Music*, l-Ingilterra, hija wriet it-talenti tagħha, kemm bħala vjolinista kif ukoll bħala kantanta tal-opri. Kemm damet Londra, Juliet tat diversi *recitals* għall-*BBC*. Fl-1960, ingħatat borża ta' studju fl-Italja u, fl-istaġun tal-opra, għamlet id-debutt tagħha fit-Teatru Manoel bil-parti ta' Rosina fl-opra *Il Barbiere di Siviglia* ta' Gioacchino Rossini. Wara, Juliet kompliet tipperfezzjona l-istudji tagħha fil-belt ta' Milan.

Ir-repertorju tagħha jinkludi l-opra *Il Matrimonio Segreto* ta' Domenico Cimarosa fit-*Teatro dell'Arte* ta' Milan u *Voghera*. Kompliet tkanta f'diversi teatri tal-opra fl-Italja, irrappreżentat lil Malta fil-Festival Internazzjonali f'Lonigo, fil-provincja ta' Vicenza, fejn

rebħet id-diploma bl-ewwel grad. Kisbet apprezzament sabiħ fil-media Taljana, fosthom, ta' *Milano Musicale* u *La Notte* meta, dwarha, intqal, " ... *Giulietta Bisazza, a brilliant Elizabeth*!" u " ... *soprano Giulietta Bisazza displayed a voice of excellent timbre and volume and she went about it with a grace of times bygone which reminded one of the golden age*!" Lura Malta, hija qasmet l-esperjenza straordinarja tagħha ma' ħafna kantanti żgħażagħ li, mingħandha, xorbu l-arti tal-kant.
F'kumment emozzjonali, is-sopran Maltija Nicola Said, li tgħallmet taħt Bisazza, iddeskrivietha bħala "*a pillar of strength*!" bil-ġentilezza, ġenerożità u appoġġ kostanti li affettwaw il-ħajja ta' ħafna studenti. Il-legat ta' Juliet Bisazza jibqa' jgħix f'dawn il-vuċijiet! It-Teatru Manoel irrefera għal Juliet Bisazza bħala sopran professjonali kif ukoll vjolinista tul karriera mimlija suċċessi; inklużi dawk fit-Teatru Manoel stess.
Juliet Bisazza ħalliet din id-dinja fil-25 t'April 2025, fl-età ta' ħamsa u tmenin sena.

Il-baritonu **Giuseppe Satariano t**wieled il-Belt Valletta fis-sena 1895. Huwa ssejjaħ mill-impressarju tar-*Royal Opera House* u għamel id-debutt tiegħu fil-5 ta' Novembru tal-1919 fi rwol minuri fl-opra *Manon Lescaut* ta' Giacomo Puccini. Kellu suċċess fl-istaġun tal-1922-23 bħala Albert fil-*Werthe*, opra b'erba' atti ta' Jules Massenet. Dan is-suċċess fetaħlu t-triq biex ikun ingaġġat f'diversi teatri tal-opra fl-Italja u, f'Palermo, kien deskritt minn kritiċi severi Taljani bħala, "*una rivelazione*!" meta, fl-aħħar minuta, issostitwixxa lill-baritonu Mariano Stabile fix-xogħol *Dafni* ta' Giuseppe Mulè.



Satariano stabbilixxa ruħu bħala baritonu bi statura internazzjonali u kanta f'teatri f'Istanbul, it-Turkija, fl-Amerka t'isfel, fi Tripli u fl-Ingilterra, fejn għex għal ħafna snin. B'kunsens ġenerali, l-interpretazzjoni tiegħu fir-*Rigoletto,* ta' Giuseppe Verdi, kisbet akklamazzjoni. F'Londra, Satariano kanta fir-*Royal Albert Hall*. Lura Malta fl-1957, b'talba ġenerali, Satariano interpreta r-rwol li kien sinonimu miegħu, dak ta' Rigoletto.
Wieħed mill-aqwa kantanti li welldet gżiritna, Giuseppe Satariano rtira għal kollox fl-1962 u miet fl-1992, ftit snin qabel għalaq l-età sabiħa ta' mitt sena.




It-tenur u għalliem, **Paul Asciak** twieled il-Belt Valletta fl-1923. Sa minn tfulitu, Asciak wera t-talent potenzjali tiegħu bħala kantant. Id-debutt tiegħu fl-opra wasal fl-1946 fir-rwol primarju ta' Turiddu fil-*Cavalleria Rusticana* ta' Pietro Mascagni filwaqt li d-debutt fl-Italja seħħ fl-1950 bħala Manrico, spalla ma' spalla mat-tenur mondjali Taljan, Tito Schipa, fl-opra *Il Trovatore* ta' Giuseppe Verdi li saret fit-teatru *Politeama* ta' Catanzaro. Fl-1950, Asciak mar Ruma u, sena wara, rebaħ *il Concorso per Giovani Cantanti Lirici,* li sar fi Spoleto. Kiseb borża ta' studju fit-tagħlim tal-vuċi fit-*Teatro dell'Opera* ta' Ruma fejn kien fdat ikanta l-parti ta' Radames ma' Anita Cerchetti fl-opra Aida ta' Giuseppe Verdi. Wara, beda jintalab jinterpreta rwoli primarji bħal dak ta' Flavio fl-opra *Norma* ta' Vincenzo Bellini.
Svolta importanti seħħet fl-1952 meta Asciak intgħażel bħala tenur solista għar-*Royal Opera Covent Garden* ta' Londra. B'riżultat ta' dan, ħafna drabi, spiċċa jkanta fuq il-*BBC*, ħa sehem ġo film, flimkien ma' kant ieħor fuq ir-radju u anki f'diversi teatri, inkluż f'Wales bil-*Missa da Requiem* ta' Giuseppe Verdi.
Ir-rwoli tiegħu jinkludu dawk ta' Melot fi *Tristan und Isolde* ta' Richard Wagner, Pinkerton fil-*Madame Butterfly* ta' Puccini, Flotow fil-*Martha*, Arvino fi *I Lombardi alla Prima Crociata* ta' Verdi, *Il Trovatore*, *I Pagliacci*, *La Fanciulla del West* (iffilmjata għall-*BBC* u mxandra fuq it-televiżjoni fl-1954) *Carmen* u *Bohemian Girl* ta' Michael William Balfe.
L-interpretazzjonijiet ta' Paul Asciak intlaqgħu tajjeb ħafna minħabba s-saħħa tal-vuċi, it-teknika tal-espressjoni u l-kontroll tal-mekkaniżmu vokali. Il-quċċata ta' din il-karriera brillanti kien immarkat bl-*Otello* ta' Verdi; wieħed mir-rwoli l-aktar diffiċli għall-kantanti maskili. Infatti, isem Paul Asciak jibqa' sinonimu ma' dan ir-rwol. Fit-Teatru Manoel, għall-wiri, hemm il-kostum li libes Paul Asciak fl-1960 għal din il-parti.
Lura Malta, Paul iddedika ruħu għat-tagħlim permezz ta' pedagoġija biex iwassal il-ħiliet u l-kompetenzi lil numru żgħir ta' studenti, fosthom, it-tenur Joseph Calleja. Paul Asciak huwa ġgant fl-istorja tal-patrimonju kulturali ta' pajjizna u, bħala ambaxxatur bl-aqwa kwalitajiet u kredenzjali vokali, artistici u mużikali, huwa għolla u xerred isem Malta mad-dinja tat-teatru liriku. Għaldaqstant, huwa jistħoqlu kull ġieħ. Paul Asciak miet fl-2015 ta' tnejn u disgħin sena.



# Kif nistgħu nevitaw frodi u scams f'dinja li qed issir aktar konnessa

*Tagħrif mogħti lilna minn*
*Dr, Steve Agius, CEO, Active Aging*

Minbarra l-irwol ewlieni tagħha, jiġifieri, dak li tappoġġja lill-anzjani fil-komunità u fid-djar tal-anzjani, l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (l-AACC) għandha wkoll missjoni edukattiva importanti permezz ta' korsijiet u seminars li toffri fiċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva ta' matul il-jum li minnhom għandha ħamsa u tletin imferxin f'Malta u Għawdex. F'dawn l-aħħar xhur, tellajna diversi korsijiet dwar scams u kif wieħed jista' jevita li jaqa' vittma tagħhom. Permezz ta' dan l-artiklu, nixtiequ ngħaddulkom il-punti saljenti u l-pariri ewlenin li ngħataw matul dawn il-korsijiet u seminars biex b'hekk insaħħu l-għarfien dwar dan is-suġġett tant importanti. Fl-aħħar snin, rajna żieda qawwija f'każijiet ta' scams, speċjalment dawk immirati lejn nies vulnerabbli bħall-anzjani. Skont rapport ippubblikat mill-grupp internazzjonali Nasdaq, matul is-sena li għaddiet, fl-Ingilterra biss, kien hemm **telf ta' madwar 2.8 biljun dollaru** fi scams immirati lejn l-anzjani. Dawk li joħolqu dawn l-iscams qed isiru dejjem aktar sofistikati. Jinqdew b'telefonati suspettużi u b'messaġġi foloz u anki bi żjarat fid-dar minn nies li jilgħabuha ta' uffiċjali ta' xi kumpanija jew organiżazzjoni. Għalhekk, huwa importanti ħafna li kulħadd, speċjalment l-anzjani, ikunu infurmati u jafu kif jipproteġu ruħhom.

**1. Qatt m'għandek tagħti tagħrif personali fuq it-telefon jew fuq il-mobajl**

Ħafna drabi, telefonati minn skemmers jgħidulek li qed iċemplulek mill-bank, jew minn xi dipartiment tal-Gvern jew minn xi kumpanija magħrufa. Jistaqsuk għal informazzjoni bħal, ngħidu aħna, in-numru tal-karta tal-identità, in-numru tal-kont bankarju tiegħek jew in-numru tal-PIN tal-card. Ftakar li **ebda bank jew awtorità ma jitolbuk dettalji bħal dawn fuq it-telefon**. Jekk tirċievi xi telefonata ta' dan it-tip, aqta' t-telefonata minnufih.

**2. Oqgħod attent għall-messaġġi jew imejls li jitolbuk tagħfas link**

Il-messaġġi li jgħidu li għandek pakkett jew multa jew li se jingħalaq il-kont tiegħek, ħafna drabi, huma foloz. Dawn il-links jistgħu iwassluk fuq websajts li, għalkemm jidhru ġenwini, fil-fatt, ikunu foloz u intiżi biss biex jidħqu b'dak li jkun. **Qatt m'għandek tagħfas fuq links mhux magħrufa.** Jekk għandek xi dubju, ċempel lill-kumpanija fuq in-numru uffiċjali tagħha, mhux fuq dak li jkun hemm fil-messaġġ.

**3. Tħalli lil ħadd jidħol fid-dar tiegħek mingħajr appuntament**

F'ħafna każijiet, skemmers jagħmluha ta' xi uffiċjal jew rappreżentanti ta' kumpaniji. Jgħidu li għandhom bżonn jidħlu biex jitkellmu miegħek. **Jekk ma jkollokx appuntament, tħalli lil ħadd jidħol fid-dar tiegħek.** Dejjem staqsi għall-karta tal-identità u ċempel fuq in-numru uffiċjali biex tivverifika.

**4. Oqgħod attent meta tirċievi aħbarijiet li huma *too good to be true* (wisq sbieħ biex ikunu veri)**

Jekk xi ħadd jgħidlek li rbaħt xi lotterija li lanqas biss tkun ħadt sehem fiha, jew li, jekk tibgħatilhom xi ħlas żgħir, ser tirċievi somma kbira ta' flus, dan huwa sinjal ċar ta' qerq. Ftakar li **ma jeżisti ebda rigal bla ħlas** u, min joffri xi ħaġa bħal din, normalment, ikun qed ifittex li jisraq l-informazzjoni personali tiegħek.

**5. Tużax il-card bankarja tiegħek quddiem ħaddieħor**

Meta tħallas bil-card, ipprova dejjem li żżomm il-PIN moħbi. Qatt m'għandek tagħti l-card bankarja tiegħek lil ħaddieħor. Staqsi dejjem lill-bank tiegħek biex jgħinek tissettja limiti jew notifiki fuq il-kont tiegħek.

**6. Ftakar li m'hemm xejn ħażin li twieġeb: "Le, grazzi"**

Ħafna anzjani kultant iħossuhom obbligati li jisimgħu jew li jkunu ġentili. Imma, meta tħoss li m'intix ċert, għandek dritt taqta' t-telefon jew tgħid le. **Is-sigurtà tiegħek tiġi l-ewwel.**

**7. Jekk tiddubita, staqsi, jew ċempel, lil xi ħadd li taf li tista' tafda**

Jekk tirċievi telefonata li tqajjem suspetti jew xi ħadd jiġi d-dar mhux mistenni, ċempel lil xi membru tal-familja, lill-Pulizija jew lill-Awtorità tal-Konsumatur. Dejjem aħjar li tkun kawt milli tistrieħ fuq xi ħadd li jkun qed jipprova jqarraq bik.

L-iskop ta' dawn il-pariri huwa wieħed sempliċi: **biex nipproteġu lill-anzjani tagħna minn scams.** L-aħjar difiża hija l-għarfien u, billi nxerrdu din l-informazzjoni, nistgħu nagħmlu differenza kbira. Jekk xi ħaġa tidher suspettuża, probabbilment li hekk hi! Jekk taħseb li tista' tkun vittma ta' scam jew, jekk tirċievi komunikazzjoni suspettuża, tista' tikkuntattja lis-*Cyber Crime Unit* tal-Pulizija fuq **2294 2231** jew **2294 2232**, jew tibgħat imejl fuq **computer.crime@gov.mt**

# Kommunikazzjoni għall-Istampa

## XKIEL GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jinnota li linja tal-ajru ewlenija *low-cost* dalwaqt se twaqqaf il-verżjoni stampata tal-*boarding pass* tagħha. Ix-xejra lejn l-eliminazzjoni tal-karta ssaħħaħ id-distakk diġitali u tkompli xxekkel il-parteċipazzjoni attiva ta' numru konsiderevoli ta' anzjani. Il-primjums tal-assigurazzjoni projbittivi għall-anzjani, jekk ikun disponibbli, jiskoraġġixxu 'l-anzjani milli jivvjaġġaw.
Il-KNA tappoġġja bis-sħiħ il-politika tal-Anzjanità Attiva li ġiet żviluppata u mtejba matul is-snin minn amministrazzjonijiet pubbliċi sussegwenti. Madankollu, l-ostakli li dejjem jiżdiedu għal-anzjanità verament attiva ma jistgħux ma jiġux innotati.
Bliet u rħula adegwati għall-persuni ta' kull età qatt ma kienu ta' prijorità għolja fl-aġenda tal-ippjanar. Il-politika ta' anzjanità attiva ċertament m'hiex riflessa fin-nuqqas ta' politika ta' ppjanar favur il-persuni ta' kull età.
L-eliminazzjoni progressiva tal-komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ u ta' dik ibbażata fuq il-karta qeda serjament tnaqqas l-aċċess tal-anzjani għas-servizzi bankarji, l-amministrazzjoni ordinarja, is-servizzi pubbliċi u servizzi oħra, billi tnaqqsilhom il-kontroll, tillimita l-awtonomija tagħhom u żżid id-dipendenza tagħhom fuq persuni terzi u prokuri. Il-komunikazzjoni bit-telefon hija mxekkla minn protokolli komplikati, filwaqt li l-aċċess *online* ħafna drabi mhuwiex faċli biex jintuża.
L-anzjanità attiva tmur oltre mill-għoti tad-diversi servizzi u faċilitajiet tal-aqwa livell, billi tikkonċerna l-ħajja ta' kuljum ta' kull individwu, fid-diversi ċirkustanzi ta' ħajtu. Il-limitazzjonijiet fil-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà għandhom effetti serji fuq il-kwalità tal-ħajja u s-saħħa ta' kull persuna.
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jisħaq fuq viżjoni aktar wiesa' ta' Anzjanità Attiva.

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja) kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.

Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.

Għall aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-Website - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.

Grazzi bil-quddiem

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna.**

Is-Sinjura Nanette Mifsud, Whitby Ont. Kanada - €10.00
Dr. Mallia, Ħaż-Żabbar - €20.00
JH, San Ġwann - €20.00

**L-Editur**

# Ħaduni l-festa

***Kitba ta' Carmen Dimech***



Ili noqgħod Ħaż-Żebbuġ iktar minn tlieta u sittin sena u, għalhekk, illum, bħalma jqisuni ħafna, jien inqis ruħi bħala Żebbuġija wkoll. Imma, oriġinarjament, jien Beltija, Dumnikana u kburija u, naturalment, il-festa ta' San Duminku ma ttinix mazzita u nitlifha. U qed ngħid hekk mhux għax ma nħobbx il-mazzit. Anzi, għall-kuntrarju, inħobbu ħafna. Mill-banda l-oħra, ibni l-kbir miżżewweġ Xlukkajra u allura, ta' kull sena sirt inkun qed nistenna bil-ħerqa li ngħaddi l-festa tal-Madonna ta' Pompei mal-familja sabiħa tal-mara tat-tifel fil-villaġġ pittoresk ta' Marsaxlokk. U dan mhux biss għax, minbarra l-Madonna, il-vara titulari tinkludi wkoll lil San Duminku.

Is-sajf li għadda, morna bħas-soltu. Meta toqrob lejn dan il-villaġġ, tibda xxomm ir-riħa tfuħ tal-baħar. It-triq matul ix-xatt ta' Marsaxlokk hija twila, wiesgħa u miżgħuda b'restoranti, ġelateriji u kafetteriji, imissu ma' xulxin, kollha bl-imwejjed u s-siġġijiet armati barra. Fil-festa, il-villaġġ ikun imdawwal u mżejjen għall-okkażjoni, bil-knisja fil-qalba tiddomina l-madwar kollu. Minkejja li, magħha, ikun hemm festi oħrajn f'diversi bliet u rħula, il-Maltin jagħmlu għaliha wisq din il-festa u n-nies li kien hemm tassew impressjonawni; kullimkien, litteralment, ippakkjat bin-nies. Għandek tgħid, imnalla ħadna ħsieb u bbukkjajna minn qabel għax kieku fejn se ssib mejda ta' tnax? Meta ntasabna bilqiegħda, ma naqsux il-kummenti nebbiexa tas-soltu bejn il-qraba li, xi wħud minnhom, ikunu ilhom ma jaraw lil xulxin anki mis-sena ta' qabel, bħal, "Ara l-kuġin, daqsiex sar!" jew, "Ma kontx naf li l-kuġina se jerġa' jkollha!" u "Ara Pawlu x'żaqq rabba!" jew, "Ara Nenu kif tfartas!" u kulħadd jifraħ b'xulxin, insomma.

Sadanittant, il-banda waslet ħdejna biex tkompli tallegrana għax, ngħiduha kif inhi; festa, mingħajr marċi brijjużi, mhix festa! Imbagħad, bdew telgħin il-murtali tal-kulur u r-rifless tagħhom fuq il-baħar qisu ħġieġ kien fenominali. Xi ġmiel! Id-dawl tal-logħob tan-nar kixef is-seħer ta' tant frejgatini u kajjikki kkuluriti mferrxin mal-bajja kollha; dehra li naħseb ma baqax post ieħor f'Malta fejn għadek tista' taraha. Għax, illum, min irid qxur tal-baħar tal-injam, li sikwit jagħmlu l-ilma u jkollok toqgħod tbattlu naqra naqra b'xi bott? U min irid joqgħod jirfed ix-xquq bil-qanneb kull meta l-injam ifettillu jinxef? U tgħid mhux ser joqogħdu jisbgħu d-dgħajsa kull sena ħalli jiffriskawlha l-kulur u jkomplu jagħlqu x-xquq li jinfetħu minn żmien għal żmien? Illum, kollox abjad u ċass; tal-fajber; x'monotonija!

Imbagħad bdiet tiela l-kaxxa infernali. "Mela ħierġa l-Purċissjoni!" bdew jgħidu; "ma ddumx ma tasal ħdejna!" Sakemm qagħdna nistennew l-ikel, ordnajna x-xorb biex inbillu griżmejna filwaqt li l-irġiel intefgħu jitħaddtu fuq is-sajd u l-wasla tal-istaġun tal-lampuki mill-ġdid.

Quddiemi, fuq il-mejda, ġibditli l-attenzjoni tfajla Xlukkajra mill-isbaħ. Kienet tidher imbaqbqa. Iggustajt l-aċċent Xlukkajr tagħha waqt li kienet qed tirrakkonta minn xiex kienet għadha kemm għaddiet. Maġenbha, kien hemm kelb tar-razza *Huskey* sabiħ immens, bħal sidtu; kelb daqshiex imma kwiet u jobdi. Kelb intelliġenti wkoll tant li anki bl-Ingliż jaf. Infatti, meta qaltlu: "*Sit*", obdiha fil-pront.

"Kont ġejja 'l hawn, għall-affari tiegħi, bil-kelb fuq iċ-ċinga," kienet qed tgħid it-tfajla, "meta, f'daqqa waħda ħareġ wieħed qisu x-Xitan, minn ġo restorant u, bl-arja kollha, għajjat: "Ara ma terġax tgħaddi minn hawn b'dak il-faħal għax tgerrixli l-klijenti!"

"Xejn, qisu xegħelli n-niċċa tal-murtal dak il-ħin, għax kważi ridt nieklu. Għidtlu: "Minn hawn għaddejt u minn hawn nibqa' ngħaddi għax hawn mhux tiegħek! Anki Marley jippreferi jgħaddi minn hawn għax togħġbu r-riħa tal-istuffat tal-fenek!" Hu kien se jerġa' jgħolli leħnu imma jien urejtu li ma kontx qed nibża' minnu għax komplejt ngħidlu: "Mel' anki l-bankina xtrajtu wkoll? Ma jmisskomx tistħu; għamiltu kullimkien qisu tagħkom hawnhekk? Saħansitra, rajt *waiter* minn tiegħek, jgħaddi minn nofs il-banda bil-gabarrè b'kollox. Biex tkun taf, Marley jaf iġib ruħu iktar minnkom ilkoll! U int mhux ser tikkmandana minn fejn ngħaddu u ma ngħaddux!"

"*Attagirl*!" għidtlha; "Proset; sewwa għidtlu! Hekk kien jixraqlu!"

Wara li kilna u sellimna l-Madonna li għaddiet minn ħdejna, qomna bil-mod ħalli mmorru narawha dieħla. Aħna u sejrin, rajt anzjan, imkemmex biż-żmien u maħruq bix-xemx, bilqiegħda fuq siġġu quddiem id-dar tiegħu jitkellem waħdu. Ngħid is-sew, nissilli ftit tal-kurżità. Waqaft maġenbu u staqsejtu: "X'int tgedwed waħdek, nann?"

"U mhux virew?" qalli. "M'għadux Xatt is-Sajjieda hawn! Sar xatt ir-ristoranti u, għada, jiġu n-naddufa jiġbru l-imbarazz kullu li jħellu warajhem."

"U ejja, nann," erġajt għidtlu. "toqgħodx issewwed qalbek! Għandkom festa sabiħa tant! Mhux veru?"

"Jien, inkun festa meta nkun qed insewwi x-xbiek fuq il-moll, għall-kwejt!" weġibni.

Ħeqq, m'għandniex xi ngħidu, kulħadd għandu dritt għall-opinjoni tiegħu u, fid-dinja, qatt mhu ser jirnexxilek tikkuntenta lil kulħadd, mhux hekk?

# Laqgħat, konferenza u ħidmiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Il-Ħamis, 30 t'Ottubru 2025**, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (KNA) flimkien mal-għaqdiet Affiljati miegħu, laqgħu il-konferenza tagħhom fl-Uffiċċju tal-Kunsill stess, Birkirkara. Skont artikolu 4.1 tal-Istatut tal-KNA, tal-anqas darba kull sentejn, il-Kunsill għandu jlaqqa' konferenza, magħmula minn mhux aktar minn tlitt delegati minn kull għaqda reġistrata miegħu, biex ifassal il-Programm ta' Ħidma tiegħu.





Il-Laqgħa bdiet b'merħba mill-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Dr Anthony De Giovanni li, f'introduzzjoni qasira, ta rendikont ta' x'għamel il-Kunsill, anki bħala Membru tal-AGE Platform fejn uħud mill-Membri tal-Kunsill jieħdu sehem f'diversi task forces ta' din l-istess pjattaforma. Dr De Giovanni qal ukoll li, bil-koperazzjoni tal-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur, il-KNA qed jiddiskuti l-problema dwar l-informazzjoni li nsibu fil-kaxxi tal-mediċini.

Wara, l-Għaqdiet Affiljati preżenti introduċew irwieħhom u għamlu spjega qasira dwar il-ħidmiet u l-attivitajiet rispettivi tagħhom.
Imbagħad, dawk preżenti, inqasmu fi tliet gruppi u saru tliet workshops bil-għan li joħorġu ideat u jsiru suġġerimenti fir-rigward ta' dawn it-tliet aspetti:

(a) Il-prijoritajiet tal-anzjani;
(b) X'inhu mistenni mill-Kunsill; u,
(c) Kif l-Assoċjazzjonijiet jistgħu ikunu ta' għajnuna u assistenza għall-Kunsill.

Minn dawn il-workshops ħareġ li:

(a) Flimkien mas-sitwazzjoni soċjali u amministrattiva, is-saħħa, kemm mentali kif ukoll dik fiżika, hija ta' importanza kbira għall-anzjani;
(b) Laqgħat bħal dawn għandhom isiru aktar frekwenti biex nisimgħu is-suġġerimenti u l-ideat li jista' jkollhom dawn l-Għaqdiet u Assoċjazzjonijiet; u,
(c) Billi jkunu identifikati s-suġġerimenti ta' dawn l-Għaqdiet u Assoċjazzjonijiet ħalli l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jgħaddi l-ideat tajbin li joħorġu lill-awtoritajiet kompetenti.

Bis-sehem ta' kulħadd, sar ukoll workshop ieħor dwar it-tema kif l-anzjani jistgħu ikunu assistiti aħjar. Minn dan il-workshop ħareġ li:

(a) Hemm il-ħtieġa li nitkellmu iżjed dwar is-servizzi bankarji u l-iżolament minħabba n-nuqqas ta' litteriżmu diġitali (AI u IT) għax dan qiegħed iżomm lil ħafna anzjani milli jipparteċipaw kif jixraq f'dinja li, kulma tmur, qegħda ssir dejjem aktar diġitali;

(b) Fil-Kunsilli Lokali għandu jkun hemm one-stop-shop apposta biex jindirizza d-diffikultajiet

kollha li jkollhom l-anzjani;

(c) Għandhom isiru iktar laqgħat (intergenerational) li jlaqqgħu iż-żgħażagħ mal-anzjani għax l-anzjani huma ż-żgħażagħ tal-imgħoddi u ż-żgħażagħ huma l-anzjani tal-ġejjieni;

(d) Is-servizz Customer Care 153 ma tantx huwa effettiv għax is-sistema ta' answering machine fid-dipartimenti xejn ma tgħin lill-anzjani;

(e) Il-banek għandhom jallokaw ċerti ħinijiet għal servizzi esklussivament għall-anzjani; u,

(f) Fl-aħħar nett, kien hemm min staqsa jekk is-Seventy-Five Plus għadux jgħodd; kien hemm min semma' d-dewmien tal-anzjani sakemm jinqdew fiċ-Ċentri tas-Saħħa u kien hemm ukoll min issuġġerixxa xi tip ta' kumpens stabbilit fis-sistema offrut mill-istat għal min isofri xi danni.

Il-laqgħa ntemmet bi brunch li serva biex, matulu, tkun tista' ssir diskussjoni b'mod inqas formali u biex, fl-istess ħin, il-parteċipanti jsiru jafu aktar lil xulxin.

---

**It-Tnejn, 3 ta' Novembru 2025** saret laqgħa mal-Onorevoli Michael Falzon, Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Din il-laqgħa kienet dwar anomaliji li nħolqu matul iż-żmien kawża ta' riformi, provedimenti fid-diversi baġits u tibdil ieħor.



Għal din il-laqgħa, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani kien rappreżentat mill-President, Dr Anthony De Giovanni, mill-Viċi President, is-Sur Peter Paul Bonnici, mis-Segretarju Onorarju, is-Sur Raymond Cardona, mit-Teżorier, Dr. Godwin C. Micallef, mis-Segretarju Internazzjonali, is-Sur Emanuel Deguara kif ukoll mis-Sinjuri Anthony Grech u Lino Debono, Membri tal-Kunsill.

---

**l-Erbgħa, 5 ta' Novembru 2025**, kellna laqgħa mal-Onorevoli Dr Chris Bonett, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.



Is-suġġetti diskussi f'din il-laqgħa kienu l-anzjani u s-sewqan, is-sigurtà fit-toroq, is-servizz tat-trasport pubbliku u l-insurance tas-sewqan.

Għan-naħa tal-Kunsill, għal din il-laqgħa kien hemm il-President, Dr Anthony De Giovanni, is-Segretarju Onorarju, is-Sur Raymond Cardona, is-Sinjura Mary Mangion, Uffiċjal Responsabbli għar-Relazzjonijiet Publiċi u s-Sur Saviour Attard, Membru tal-Kunsill.

---



**It-Tlieta, 11 ta' Novembru 2025**, kellna laqgħa oħra bejn Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani u l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, Dr Steve Agius, li kien akkumpanjat mis-Sur Alex Gobey, Aġent Deputat Kap Eżekuttiv tal-istess aġenzija.

Din il-laqgħa saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Birkirkara u, matulha, kienu diskussi diversi proġetti ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani u l-Aġenzija għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.



**It-Tnejn, 17 ta' Novembru 2025**, il-KNA kellu laqgħa oħra mal-Onorevoli Roderick Galdes, Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli,

Minn naħa tal-Kunsill, għal din il-laqgħa, attendew, il-President, Dr Anthony De Giovanni, is-Segretarju Onorarju, is-Sur Raymond Cardona, is-Segretarju Internazzjonali, is-Sur Emanuel Deguara u s-Sinjura Marica Attard Cassar, Segretarja Amministrattiva tal-Kunsill.

L-Aġenda għal din il-laqgħa kienet;

(1) Introduzzjoni minn naħa tal-KNA;
(2) Skemi ta' Housing li jjinteressaw lill-anzjani b'mod ġenerali;
(3) Aċċessibiltà u lifts fil-Binjiet tal-Gvern;
(4) Ħtiġijiet partikolari ta' anzjani bħal f'każi ta' ex ħabsin, persuni separati jew LGBTIQ;
(5) Il-premises tal-Kunsill;
(6) Il-kollaborazzjoni bejn il-Ministeru u l-Kunsill; u,
(7) tagħrif siewi fil-magazine, L-Anzjani Llum.

Waqt din il-laqgħa, kienu diskussi l-punti kollha tal-aġenda u l-Ministru wieġeb għad-domandi li sarulu u anki ħa nota ta' xi punti li tqajmu dwar diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-anzjani u l-ilmenti li nirċievu mingħandhom.

Kien hemm qbil li, f'dan il-magazine, għandna nġibu iktar tagħrif siewi dwar skemi li l-aktar jinteressaw lill-anzjani f'dan il-qasam.

---



**It-Tnejn, 17 ta' Novembru 2025**, saret laqgħa mal-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sinjura Pauline Azzopardi, President tal-Assoċjazzjoni, flimkien mas-Sinjura Eugenie Grech, Teżorier Onorarju. Minn naħa tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, attendew il-President, Dr Anthony De Giovanni, is-Segretarju Onorarju, is-Sur Raymond Cardona, is-Segretarju Internazzjonali, is-Sur Emanuel Deguara u s-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar.

L-Aġenda għal din il-laqgħa kienet;

(1) Introduzzjoni, kemm minn naħa tal-Kunsill kif ukoll minn naħa tal-Assoċjazzjoni;
(2) Koperazzjoni u azzjoni bejn iż-żewġ organiżazzjonijiet;
(3) L-anzjani bħala konsumaturi;
(4) Patient Information Leaflet aġġornat;
(5) L-insurance premiums għall-anzjani; kif ukoll,
(6) Is-servizzi għall-anzjani u d-digital divide.

Il-laqgħa kienet waħda kordjali ħafna li, fiha, saret diskussjoni dwar diversi suġġetti u kien hemm qbil dwar inizzjattivi u koperazzjoni bejnietna bħal, ngħidu aħna, azzjonijiet konġunti favur il-konsumaturi anzjani.

---



Bħalma jħobb jagħmel kull sena f'dan iż-żmien, nhar **il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2025**, Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, żamm waħda mil-laqgħat regolari tiegħu fil-gżira t'Għawdex. Mal-wasla fl-Imġarr, il-Membri tal-Kunsill sabu t-trasport jistennihom li wassalhom sas-Santwarju sabiħ tal-Madonna ta' Pinu, l-Għarb, fejn kienet iċċelebrata quddiesa li saret apposta għall-Membri tal-Kunsill.

Wara l-quddies, il-Kunsill beda sensiela ta' laqgħat li kellu skedati. L-ewwel laqgħa kienet mal-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex (AIRG).

L-Aġenda għal din il-laqgħa kienet kif ġej;



(1) Introduzzjoni minn naħa tal-Kunsill;
(2) Tagħrif dwar ix-xogħol li twettaq mill-AIRG;
(3) Sfidi partikolari għall-anzjani Għawdxin;
(4) L-anzjanità, il-ġejjieni u l-parteċipazzjoni fl-ippjanar;
(5) Il-kura fit-tul; u,
(6) Bliet u rħula tajbin għal kull età.

---



Saret laqgħa wkoll mas-Sinjura Mariella Abela, Segretarja Privata tal-Onorevoli Dr Jo Etienne Abela, Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva. F'din il-laqgħa tqajmu diversi punti ta' interess ġenerali li jirrigwardjaw is-servizzi tas-saħħa offruti lill-anzjani. Barra minn dan, sar ukoll ftehim li, f'dan il magazine, nibdew inġibu tagħrif dwar skemi tas-servizzi tas-saħħa li jinteressaw lill-anzjani.

L-Aġenda għal din il-laqgħa kienet hekk:

(1) L-istruzzjonijiet dwar il-mediċini kollha;
(2) L-outpatients għall-anzjani ġewwa San Vinċenz de Paul; u,
(3) Is-Servizz tas Silver T.

Qabel infirdu, il-President u l-Membri tal-KNA irringrazzjaw lis-Sinjura Mariella Abela, kif ukoll lill-membri l-oħrajn kollha tal-Ministeru, li kienu ta' għajnuna kbira biex din il-laqgħa setgħet iseħħ.

---



Fl-aħħar nett, **it-Tlieta, 2 ta Diċembru 2025**, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Dr Anthony De Giovanni, flimkien mall-Membri tal-Kunsill, attendew għal laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onorevoli, Dr Alex Borg,

L-Aġenda għal din il-laqgħa kienet;

(1) Introduzzjoni mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani;
(2) In-narrattiva politika skont ir-rakkomandazzjoni tal-WHO;
(3) L-etaiżmu u l-inklużjoni tal-età bħala karatteristika protetta fil-Kostituzzjoni ta' Malta;




(4) Il-parteċipazzjoni tal-anzjani fl-ippjanar u fit-teħid tad-deċiżjonijiet; u,
(5) Bliet u rħula li jkunu age-friendly.

Kienet laqgħa kordjali fejn iż-żewġ naħat qasmu l-idejat tagħhom dwar il-politika favur l-anzjani. Il-KNA ppreżenta din il-gwida tal-AGE Platform Europe dwar in-nerattiva dwar l-anzjanita' u npejna ruħu li jippreżenta l-Manifest tiegħu dwar l-anzjanita' attiva u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Anzjani fi soċjeta'.

# Charles Camilleri 1931-2009

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***



llum xtaqt nikteb dwar il-kompożitur Malti Charles Camilleri li miet fit-3 ta' Jannar, 2009, fl-età ta' sebgħa u sebgħin sena. Charles Camilleri baqa' attiv fil-mużika kważi sal-aħħar. Waqaf biss meta marad, xi ftit xhur qabel miet. Ngħidilkom minnufih li l-enerġija mużikali tiegħu kienet tagħmlu żgħażugħ. Jien kont nafu personalment sa minn meta ġie lura Malta mill-Kanada u dejjem kien jitkellem miegħi dwar proġetti mużikali ġodda.

Sifirt miegħu darba għax it-tnejn konna parti minn delegazzjoni Maltija u, ngħidilkom ħbieb tiegħi, li kien ta *lecture* dwar l-għeruq tal-mużika Maltija li f'ħajti qatt ma smajt bħalu. Għaġġeb lil kulħadd.

Niftakar li, f'xi passiġġati li għamilna flimkien, dejjem tkellimna dwar il-mużika. Issa jgħidli li kien ikkommissjonat jikkomponi l-Kunċert Numru 3 għal-pjanu intitolat, *Leningrad,* li kien se jindaqq għall-ewwel darba fir-Russja u filli jgħidli li għandu affarijiet oħrajn li jrid ilesti. Niftakar sewwa li kien urieni l-passaport tiegħu kollu timbri ta' pajjiżi fejn kien dejjem ġej u sejjer. Insomma, enerġija kbira.

Għadni narah jidħol f'kull librerija mużikali li jkun hemm fit-toroq biex jara jilmaħx diski tal-mużika tiegħu. Kien ifur bil-ferħ meta kien isib xi *album* tiegħu mad-diski l-oħrajn. Kien isejjaħli biex naqsam miegħu dak il-mument ta' ferħ ġewwieni. Wara, kien iħares ukoll lejn il-kotba, l-aktar lejn id-dizzjunarji tal-mużika u jiflihom sew biex jara jekk jarax ismu jew le. Kien jifraħ immens, u bir-raġun għax kulħadd uman, xħin jara li, fost l-ismijiet tal-kompożituri kontemporanji, ikun hemm ismu wkoll.

Charles dejjem xtaq li l-mużika tiegħu ma tkunx biss esegwita f'Malta imma barra minn Malta wkoll u, fl-opinjoni tiegħi, irnexxielu sew għax Charles Camilleri għandu fama kbira ta' wieħed mill-aqwa kompożituri kontemporanji Maltin.

Sirt nafu meta introduċa f'pajjiżna l-famuża, *Malta Suite*, li jiena dejjem nistqarr li hija pilastru importanti fir-repertorju mużikali Malti. Kienet mużika li ħasdet lil kulħadd minħabba l-fatt li, mill-għeruq tal-mużika folkloristika Maltija, Charles Camilleri rnexxielu jagħmel *suite* orkestrali li ssaħħrek. F'intervista, kien qalli li, għat-tielet moviment tagħha (in-*nocturne*) kien immaġina għannej taħt is-siġar tal-Buskett jgħanni fil-lejla tal-Imnarja. Għadni niftakar preċiż li kien qalli wkoll li, għall-aħħar numru ta' din il-kompożizzjoni li jiddiskrivi l-festa Maltija (il-*Village Festa*) kellu f'moħħu ż-żewġ baned tal-Ħamrun: dik ta' San Gejtanu u l-oħra ta' San Ġużepp, jitilqu flimkien mat-tokki tal-qanpiena biex jagħtu bidu għall-marċ ta' filghodu ta' nhar il-Festa ta' San Gejtanu. Fil-fatt, dan ix-xenarju jinħass sew f'dan il-moviment li fih, b'ħoss tassew sabiħ, tista' tisma' t-tluq taż-żewġ baned fil-marċ ta' filgħodu. Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li Charles Camilleri twieled il-Ħamrun.

Niftakru wkoll meta kont fil-Kumitat tad-Dipartiment tal-Kultura u dan ikkommissjonah jikkomponi *tone poem* bl-isem, *Lil din l-art ħelwa*. Kien imtela bl-entużjażmu u, meta lesta l-kompożizzjoni, qalli li xtaq li din tkun bħal *Finlandia, tone poem* patrijottika għax Charles Camilleri kien tassew patrijott mużikali; dejjem jinfilsa l-għeruq tal-mużika Maltija fil-kompożizzjonijiet tiegħu.

L-akbar ferħ tiegħu għax-xogħlijiet mużikali li kkompona huwa l-Oratorju, *Pawlu ta' Malta* li, minn meta ndaqq l-ewwel darba, kiseb suċċess kbir. Dan is-suċċess għadu u jibqa' għax, fil-kompożizzjoni, hemm l-ispirtu reliġjuż Malti. Wara dik il-ħeġġa għal dan l-Oratorju tiegħu fuq versi ta' Oliver Friggieri, niftakru jgħidli li issa jmiss opra Maltija u *ballet* Malti. U rnexxielu wkoll!

-aħħar darba li smajt xogħol mużikali tiegħu kont fit-Teatru ta' Dar il-Mediterran, il-Belt Valletta. Dakinhar, smajt il-Kunċert Numru 1 tiegħu għall-pjanu li jġib l-isem, *Mediterran* u, ngħidilkom is-sewwa, qatt f'ħajti ma smajtu isbaħ minn dakinhar. Bejni u bejn ruħi għedt, x'kunċert sabiħ ikkompona Charles Camilleri! Sa mill-ewwel battuti tiegħu, idaħħlek f'xenaraju mużikali Mediterranju, b'Malta fuq quddiem nett. Dan huwa wieħed mill-ewwel xogħlijiet mużikali tiegħu. Inkiteb fl-1948, meta Charles Camilleri kien għad kellu biss sbatax-il sena, u rivedut tletin sena wara, meta Charles Camilleri, allura, kien fl-aqwa tiegħu.

Fil-kompożizzjoni, Charles Camilleri mill-ewwel kellu l-mużika fokloristika ta' pajjiżna bħala l-bażi tiegħu. Dan wasslu biex jifrex il-ħsibijiet mużikali tiegħu f'diversi forom mużikali. Ikkompona aktar minn mitt biċċa xogħol għall-orkestra, *musica da camera* u aktar. Kien influwenzat ukoll minn ħsejjes Afrikani u Asjatiċi u dawn jitħalltu ma' studju akkademiku mużikali Ewropew. Charles Camilleri għandu stil mużikali partikulari. Ħafna pajjiżi daqqew il-mużika tiegħu u tassew tathom sodisfazzjon kbir.

# Iz-ziju Turu

***Rakkont ta' Vincent Piccinino***



Iz-ziju Turu, ħu ommi, kellu l-fama ma' bosta nies li kellu flus kemm jesa' ġildu. Ġilda ma kellux wisq, għax kien imqadded iktar minn aringu. Imma z-ziju Turu kien iħobbha l-ġilda u xejn ma kien jinkwetah il-fatt li kien niexef għuda. Anzi, bilkemm ma ngħidx li kien imkabbar li kien hekk. Skola ma kienx jaf wisq imma darba tgħallem espressjoni bil-Latin mingħand xi ħadd u baqa' jirrepetiha f'kull okkażjoni li kienet tinqala'. "*Sanitas in siccis!*" spiss kien jgħid; jiġifieri, is-saħħa fl-għelubija. Kien iħobb jiddandan bil-"figura misluta u żnella" li kellu u ġildu kien jieħu ħsiebha bir-reqqa billi jara li ma jiekolx iktar milli jmissu. Però, kienet il-ġilda ta' wiċċu li kienet speċjali; ġilda ħoxna u skura li kienet tirrendi lil wiċċu bħallikieku kien infurrat.

Tfal ma jidhirx li kellu għax, ħa ngħid hekk, sa fejn kien magħruf, ma kienx miżżewweġ. Imma b'daqshekk ma jfissirx li n-nisa ma kienx iħobbhom. Ġieli smajt xi ilsna ħżiena jtaqtqu li, ħafna minn nisa sbieħ tal-Belt, kollha darhom Turu l-Baħri. Ma nafx x'kienu jarawlu! Jien ma nifhimx imma ma nasalx biex ngħid li z-ziju Turu kien xi raġel sabiħ. X'aktarx li mhux lejn il-ġilda tal-imqit wiċċu kienu jħarsu l-iktar imma lejn il-ġilda u l-ħxuna tal-portafoll tiegħu. Ġieli smajthom jgħidu wkoll li kien galantom magħhom. Jien ma nafx! Li naf żgur hu li, miegħi, dejjem niftakar li kien qammiel. Sa minn meta kont għadni żgħir, kien dejjem jibgħatni naqdih kull fejn ikun u, meta niġi lura, kien jagħtini sold b'dik iċ-ċerta arja daqslikieku kien qed iħallini l-uniku eredi tal-ġid materjali kollu li kien jippossjedi f'din id-dinja.

Liz-ziju Turu dejjem kont inqisu xi ftit jew wisq misterjuż. Fi żmienu, kien ibaħħar fuq il-vapuri merkantili li kienu jissuplixxu l-bastimenti navali Ingliżi fil-Mediterran. Kien dejjem ġej u sejjer u, meta kien ikun hawn Malta, dejjem niftakru joqgħod magħna, fil-kamra ta' fuq il-bejt. Imma kien ta' ftit kliem u ta' għalih waħdu. Jekk ma jkellmekx hu, aħjar jekk ma tkellmu xejn. Meta jqum filgħodu, kien jibgħatni nixtrilu l-ġurnal u xi żewġ pastizzi jew qassata tal-piżelli, jieħu l-kafè, jaqra l-gazzetta u jisma' r-radju. Meta t-temp kien ikun jippermetti, kien jintefa' fuq *deckchair* fuq il-bejt wiċċu 'l fuq għax-xemx u, jekk mhux għall-bżonn, ma kien ikellem lil ħadd. Xħin u meta jfettillu, kien ibiddel u joħroġ bla ma jgħid xejn fejn kien sejjer jew kemm ser idum jew inkella xħin kien ikun ġej lura. Anki meta kien isiefer, l-istess kien jagħmel; jaqbad u jitlaq bla kliem u bla sliem u qatt ma konna nkunu nafu meta kien ikun ser jerġa' jiġi lura. Għandu mnejn li lanqas hu stess ma kien ikun jaf. Li niftakar hu li ommi bilkemm ma ngħidx li donnha kienet tieħu r-ruħ meta kien jitlaq. Imbagħad jgħaddu l-ġimgħat u ġieli anki x-xhur u nerġgħu narawh ma' wiċċna.

Biex ngħid is-sewwa kollu, lil ommi ma kienx iħabbatha wisq, ħlief biex taħsillu ħwejġu u tnaddaflu ftit il-kamra meta jkun Malta. Għall-ikel kien jaħseb hu billi jieħu xi ħaġa minn barra. Hekk jew hekk, ma tistax tgħid li kien jiekol ħafna. Imma l-qatra kien iħobbha; anzi, mhux il-qatra, imma l-ġarra u jdejh qatt ma kont tarahomlu mingħajr is-sigarett. Xi ħaġa li tassew kienet timpressjonani meta kont għadni żgħir kienet li s-swaba' ta' idu l-leminija kienu lewn il-kafè bla ħalib u jintnu seba' pesti. Kien għadu ż-żmien meta ommi, qabel joħroġ, kienet għadha wżata tgħidilna, "Buslu idu z-ziju! Għidlu bezzjoni!" u z-ziju Turu kien dlonk itemmali ma' wiċċi l-erbat iswaba' mgħadmin ta' idu l-leminija suwed faħma u riħa ta' inċineratur. Imma, wara li qaleb il-ħamsin u qorob lejn is-sittin, marad b'sidru, daħal l-isptar, operawh u, minn hemm 'il quddiem, kellu jara kif jagħmel biex jgħaddi fuq pulmun wieħed u, kontra qalbu, jitfi ċ-ċumnija tan-nikotina darba għal dejjem; għalkemm il-ħsara kienet ilha li saret biċċa sew.

Dak iż-żmien li kien ibaħħar, kellu l-barka t'Alla kollha f'idejh. Meta kien jiġi lura, miegħu kien iġib ħafna ġid; għaġin, ġobnijiet, priservijiet, żejt, ross, gallettini, ħelwa tat-Tork, lakumja u x'naf jien. Fl-għodwa tal-għada li jasal, imbagħad, jibda t-tqassim: "Dawn ħudhom lil dik!" u "Dawn ħudhom lill-oħra!" u "Dawn mur bihom għand it-talija!" u "Dawn tihom it-talija l-oħra! U tinsiex tgħidilha li bgħatthomlha jien!" kien iżid jordnali kull darba b'ċerta insistenza. Kont ninnota wkoll li, l-aħħar lott, kien ikun daqsxejn iktar speċjali mill-oħrajn. "Dak għal min hu zi?" kont nistaqsih. "Dak mhux żgur nifilħu jien!"

"Dak ħallih f'idejja!" kien dlonk jaħtafni. "Issa nieħu ħsiebu jien!" Imbagħad, kien joħroġ, jieħdu miegħu u, meta jiġi lura, ma kienx ikun għandu iżjed. U dan kollu kien jagħmlu b'ċertu ritwal u, fl-istess ħin, b'tant ħerqa li kważi kważi kien iġielgħek tissusspetta li donnu kellu xi obbligazzjoni kbira lejn dawn in-nies. Filgħaxija mbagħad kien jibda ritwal ieħor. Kien iqaxxar il-leħja, jinħasel, jilbes pulit, iroxx l-*aftershave* u l-*eau de Cologne* sa ma jiġi jfuħ daqs il-Ġnien ta' Sant' Anton fis-saħna ta' Mejju u joħroġ mid-dar qisu qatt ma kien ġej lura iżjed. Mhux l-ewwel darba li smajt lil ommi titkellem ma' missieri u tgħidlu: "Taf xħin daħal dak

il-galantom dal-lejl? Fit-tlieta ta' filgħodu! Nixtieq naf fejn ikun dak il-ħin kollu! Kien ilu barra mis-sitta u nofs ta' filgħaxija!"

Ommi kien imissha xi ħaġa mill-affarijiet li kien iġib miegħu wkoll imma flus qatt ma kien jagħtiha żgur. Naf għax, għalkemm ommi ma kinitx waħda li tħobb tilmenta wisq, meta kien jiġi d-diskors, ġieli smajtha tgħid ukoll lil missieri li, minkejja li, meta kien ikun Malta, ħuha kien joqgħod magħna kera frank, tnaddaflu, taħsillu ħwejġu ma' tagħna u ġieli anki kiel mill-borma tagħna wkoll, qatt ma rat sold mingħandu. Infatti, għajr għal xi abberrazzjoni, li mhi tajba għalxejn ħlief biex tkerrah il-kuritur, li z-ziju Turu jkun ġieb miegħu wara li jkun iddobba jew xtara mill-Greċja, mit-Turkija jew minn xi wieħed mill-pajjiżi tal-Magreb, lil ommi ma kien jagħtiha xejn iżjed.

Hekk għaddiha ħajtu z-ziju Turu sakemm, ftit tax-xhur ilu, ħalla dan il-wied ta' dmugħ f'daqqa waħda mingħajr lanqas biss indenja ruħu jgħid lil ħadd fejn kien sejjer, kemm se jdum u meta jew fi xħin kien biħsiebu jerġa' jiġi lura; kif dejjem għex, wara kollox. Billi ma kellu lil ħadd iżjed biex jibki t-telfa tiegħu, permezz ta' testment li sibna fil-kexxun tal-gradenza, lil ommi ħalliha l-werrieta waħdiena tiegħu imma, meta fittixna, għajr għal xi ħaġa żgħira li kellu fil-portafoll, ma sibniex iktar flus u l-uniku kont bankarju li kellu kien fih biss ftit liri tgħoddhom fuq is-swaba' ta' jdejk it-tnejn; kemm kemm il-kont jibqa' miftuħ u ma jingħalaqx. Mhux talli hekk imma talli, iktar tard, irriżulta li, warajh, iz-ziju Turu ħalla wkoll għadd ta' mijiet ta' liri dejn u, billi ommi, sadakittant, kienet laħqet aċċettat it-testment, spiċċat biex kellha tħallashomlu hi.

B'ebda mod ma stajna nifhmu! Kulħadd jgħid kemm kien tat-tajjeb Turu l-Baħri biex, imbagħad, sibna dik is-sitwazzjoni tant tal-biki li, jekk tipprova tgħidha quddiem in-nies, żgur li ħadd ma kien jemmnek. M'ilux, dħalt nieħu te mill-ħanut ta' quddiem il-knisja, fejn kien hemm l-erba' saltimbanki m'għandhomx x'jagħmlu tas-soltu. Il-kliem waqa' fuq it-telfa li konna għadna kemm ġarrabna. Kulħadd idur mal-lewża u jistagħad għal xi biċċa aħbar interessanti tant mistennija dwar il-fortuna li suppost missitna. Jien żammejt lura kemm flaħt u kliem mill-inqas; mhix affari tagħhom. Imma, fl-aħħar, ma stajtx inżomm iżjed għax: "Mort tajjeb int ma' zijuk!" nibixni wieħed minnhom b'daħqa antipatika ta' aspettattiva f'għajnejh.

Hemm infqajt! Għidtlu x'kien ħallielna z-ziju Turu u għidtlu wkoll bid-dejn li kellna nħallsulu! "Kulħadd jgħid kemm kien sinjur u aħna, assolutament, ma nistgħux nifhmu fejn marru flusu!" spiċċajt ngħidilhom imbehren.

"Għarafha d-dinja Turu l-Baħri!" qal wieħed xiħ li kien bilqiegħda f'rokna, jilgħab ma' tazza te bil-lumi u ma' biċċa sigarru minn dawk li jnittnu ħanut. Dak ix-xwejjaħ kien ilu l-ħin kollu jsegwi dak li kien qed jingħad bla ma jlissen ebda kelma. "Turu l-Baħri kien jaf jgħix!" kompla jgħid l-anzjan. "Possibbli, intom biss ma tafux fejn marru flusu zijuk?" staqsieni. "Għax ma tistaqsux lil dawk li kienu joħorġu miegħu filgħaxijiet u, wara li joħodhom jieklu fl-aħjar restoranti, kien joħodhom il-*casino* u hemm joqgħod jiffanfra magħhom quddiem l-imwejjed tar-*roulette* u tal-*blackjack*? Għax ma tistaqsux lill-*croupiers* tal-*casino* fejn berbaqhom flusu z-ziju Turu? Għax ma tistaqsux lil Leli tal-banka tal-lottu jew lil Toni li jżomm il-flus tal-imħatri tal-*football* fuq l-idejn fejn kien jonfoqhom flusu l-Baħri? Dawk kollha jgħidulek eżatt x'kien jagħmel bihom il-flus zijuk!"

---

## Reflections on what would have been my father's 93rd birthday - 21st November 2025



**I kissed a butterfly today, as we stood by your grave.**
**It flew upon the flowers we held; that moment I will save.**
**A memory to treasure for, in my heart, I knew**
**You came to let us know you're near; your spirit there so true!**
**They say that butterflies so white are spirits of loved ones.**
**This butterfly, so pure and light, was you, Papá; blood runs.**
**A kiss upon your forehead, Dad, I'd place when I'd leave you.**
**You'd close your eyes and smile and say: "Drive safe!" and "I love you!"**
**That's how I knew this for a fact that butterfly was you.**
**Why did that happen there today? It was your birthday too!**
**It waited for my kiss before it, gently, flew away,**
**Then, hovered over us a while watching, as if to say:**
**"I'm with you, always, in your thoughts and in your hearts also.**
**I'll never leave you ever, dears, I love you much, more so!"**

***Sonya Micallef***

# Bijografija qasira ta' Jeanne Manon de Roland 1754-1793

## *O libertà! kemm delitti jsiru f'ismek!*

***Kitba ta' Salv Sammut***



**Madame Roland**, twieldet fis-17 ta' Marzu 1754 bħala Marie-Jeanne Phlippon. Kienet l-unika wild wara tmien tqaliet. Il-ġenituri tagħha kienu Gratien u Madame Phlippon. Sa minn ċkunitha, kienet studenta eċċellenti, mimlija enerġija u talent. Studjat il-letteratura, il-mużika u t-tpinġija. Mill-ewwel dehret ta' rieda soda u ta' sikwit kienet tiċċalinġja lil missierha u lill-għalliema tagħha. Għamlet sena fl-iskola tal-kunvent tas-Sorijiet tal-Kongregazzjoni ta' Pariġi. Hemmhekk, imtliet b'entużjażmu reliġjuż tant li, fuqha, John Abbott qal li "f'*moħħha, Alla sar viżjoni ta' sbuħija poetika*." Wara dik is-sena fil-Kunvent, Madame Roland issoktat l-edukazzjoni tagħha b'mod independenti. Influwenzawha sew ħassieba bħal Plutarch, Voltaire u Montesquieu imma l-aktar fosthom Jean-Jacques Rousseau bil-kitbiet tiegħu li influwenzaw bil-kbir il-mod kif tifhem il-virtuwiet tal-mara u l-filosofija politika biex, b'hekk, bdiet tagħraf il-ġenju tal-mara li tgħix fit-telfien tal-kontroll fuqha nnifisha.

Meta bdiet tivvjaġġa, Manon Phlippon, kif bdew isejħulha ħbiebha u qrabatha, żviluppat għarfien tad-dinja lil hinn minn dik li kienet tgħix fiha. Fl-1774, fi vjaġġ lejn Versailles, kitbet bosta ittri lil ħabibitha, Sophie, li, fihom, bdiet turi l-interess tagħha fil-politika. Hija fehmet li gvern perfett għandu jkun "*imdawwal minn Ministri ġenwini li jridu biss il-ġid, bi Prinċep żagħżugħ li joqgħod għal-fehma tagħhom, Reġina li tkun maħbuba, Qorti mhux iebsa b'nies ta' ġieħ u poplu dħuli li ma jrid xejn aktar mill-qawwa li jħobb lill-Ministri tiegħu*." Hawnhekk, Manon Phlippon kienet diġà bdiet twarrab l-idea ta' monarkija assoluta billi titfa' l-awtorità u l-importanza tal-Ministri tal-gvern qabel il-kuruna.

Fix-xitwa tas-sena 1780, Marie-Jeanne Phlippon iżżewġet lill-filosfu Jean-Marie Roland de la Platière, li kien għoxrin sena ikbar minnha. Flimkien, bl-influwenza tagħha, bdew karriera politika li wasslithom fil-kamra tar-riċevimenti tal-*Hotel Britannique* ta' Pariġi fejn kienu jiltaqgħu rivoluzzjonarji bħal Brissot, Pétion, Robespierre, u oħrajn, li kienu fil-moviment popolari. Dawn il-mexxejja tal-fazzjoni Ġirondista tal-Partit Jacobin kienu jiltaqgħu biex jiddiskutu d-drittijiet taċ-ċittadini u l-istrateġiji biex jibdlu lill-Franċiżi minn suġġetti tal-Monarkija għal ċittadini ta' Republika Kostituzzjonali.

Imma, minħabba differenzi ideoloġiċi, kmieni fis-sena 1792, Madame Roland u żewġha ħallew il-Partit Jacobin biex, flimkien ma' Jacques-Pierre Brissot, iffurmaw il-Partit Moderat tal-Ġirondini. Ix-xewqa tal-Ġirondisti li jġibu l-libertà lill-poplu u, fl-istess waqt, jimplimentaw kontroll, kienet l-istess bħal dik ta' Madame Roland. Meta r-Re Luwiġi Sittax ħalla t-tron, il-Ġirondisti poġġew lil Madame Roland bħala Ministru tal-affarijiet interni, liema pożizzjoni poġġietha f'qagħda perikoluża. Tant hu hekk li, il-waqgħa tal-moviment Ġirondista, ipprovokat oppożizzjoni qawwija minn rivoluzzjonarji ċelebri bħal Roberspierre, Danton u Murat. Dan wassal biex, fit-8 ta' Novembru 1793, Madame Roland tkun arrestata u, meta kellha biss disgħa u tletin sena, rasha spiċċat taħt il-giljottina. Fil-ħames xhur li damet il-ħabs, kitbet il-famużi tifkiriet tagħha li, fihom, uriet lilha nnifisha bħala mara intelliġenti u ta' talent.

**Interpretazzjoni**

Nemmen li Jeanne Manon de Roland qatt ma ħarġet bi frażi daqshekk mill-qalb daqs meta qalet: *"O libertà! Kemm delitti jsiru f'ismek!"* Bilfors! Għax hi ġġieldet għal-libertà u, minħabba fiha, spiċċat ittemm ħajjitha bil-ġiljottina. X'ironija hux?

Imma, wara kollox, jien, bħala *jien*, bħala esseri uman, x'nifhem b'libertà? Li fuq ix-xogħol nagħmel li rrid u ma noqgħodx għar-regolamenti u għad-dixxiplina? Li jkolli l-libertà li, meta jfettilli, naqbad u ma mmurx għax-xogħol jew nirraporta li jien marid, meta ma nkunx? Il-libertà li, jekk ninqabad, ikolli d-dritt ma ninstabx ħati, għax għandi l-libertà nagħmel li rrid? X'nifhem iżjed bil-kelma libertà? Tgħid li nikser il-liġi tal-pajjiż kull mument? Li nisraq lil min irrid u nsawwat lid-dgħajjef f'daru stess, bil-pretensjoni li ħadd ma jista' jindaħalli? Din mhix libertà imma libertinaġġ li jwassal għal anarkija totali.

B'libertà nifhem xort' oħra. Nifhem ħelsien! Li jkolli l-ħelsien tal-ħsieb. Li moħħi ma jkunx imjassar u dominat minn ħaddieħor. Li dak li naħseb, hu tiegħi u tiegħi biss, bit-tajjeb u l-ħażin kollu tiegħu. Nemmen fil-ħelsien tal-moviment tiegħi u ebda maħluq ieħor m'għandu jindaħalli fejn, kif u meta għandi immur fejn nixtieq. Mhux bħalma kienu s-suwed fl-Amerika u fl-Afrika t'isfel minħabba l-lewn tal-ġilda tagħhom meta ma setgħux jidħlu fl-istess ħwienet jew jibagħtu lill-uliedhom fl-istess skola tal-bojod. Nemmen fil-ħelsien politiku fejn jien għandi dritt għall-opinjoni tiegħi bla ma niġi diskriminat; bla ma niġi maqbuż u mwarrab fil-ġenb, jew impoġġi fl-aħħar tal-lista. Nemmen fid-dritt

tal-kritika fejn ħadd ma jiġi vittimizzat għax ikun semma leħnu u wera li ma jaqbilx. Fl-aħħar nett, nemmen fil-libertà reliġjuża tat-twemmin li rrid jien, inkluża l-libertà li għandi dritt ma nemmen f'ebda reliġjon u dan mingħajr ma niġi preġudikat, iżolat jew kundannat. Għadda ż-żmien li bnedmin ta' reliġjon differenti jintefgħu f'ħalq l-iljuni fost il-briju u ċ-ċapċip tal-folla. Bħalma għadda ż-żmien li, min ma jridx jibqa' fl-istess twemmin, jiġi torturat, skumnikat jew maħruq ħaj fost it-talb u l-kant ta' tifħir lill-Ħallieq. B'dankollu, xorta għadna nisimgħu b'delitti tal-massa minħabba twemmin differenti.

Nixtieq insemmi wkoll fiex ma nemminx f'dan ir-rigward. Ma nemminx fiż-żamma tal-moviment minn post għal ieħor u ma rridx nara iżjed ħitan ta' Berlin jew tal-medda ta' Gaża f'isem is-sigurtà nazzjonali jew territorjali. Ma rridx nisma' bi priġunieri politiċi b'sarima ma' ħalqhom bl-iskuża li dawn qed jimminaw il-libertà miksuba bis-sagrifiċċju. Ma nemminx fid-dittatura kollettiva tal-ħsieb intellettwali fejn stat jiddottrina ċ-ċittadini tiegħu b'ideoloġija waħda biss; bħalma kienet id-dittatura komunista fejn mhux kulħadd kien komuni u ħieles indaqs u fejn, min ma qabilx mas-sistema, kien ittimbrat bħala traditur u ntefa' f'ħabs mhux magħruf jew deportat xi mkien inġazzat sakemm intesa darba għal dejjem. Dan hu delitt f'isem il-libertà mlefilfa fl-għata tal-ħarsien minn reat kontra s-sigurtà tal-istat.

L-istess jista' jingħad għas-sistema tal-bieraħ u tal-lum, jiġifieri, dik kapitalista fejn kulħadd għandu l-libertà individwali imma xorta waħda miljuni huma sfruttati, emarġinati u meqjusin bħala l-iskart tas-soċjetà moderna, bħalma huma l-individwi tad-djar tal-kartun, jew tax-*shanty towns!* Ħadd m'għandu jinsa l-persekuzzjoni personali li mexa biha s-Senatur Amerikan, Joseph McCarthy, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kontra dawk li ma kinux jaqblu miegħu! Kif kien jittimbrahom bħala aġitaturi komunisti u ta' theddida għal-libertà tal-Istati Uniti! Bosta nies magħrufin, bħal Charles Chaplin pereżempju, kellhom jitturufnaw ruħhom biex ma jinqabdux fix-xibka tal-FBI. Dan ukoll huwa delitt f'isem il-libertà!

Matul iż-żmien, kien hemm bosta gwerer bejn il-ġnus. Kollha seħħew bl-iskuża tal-libertà meta, fil-fatt, gwerra tinħoloq għax ġens ikun irid jaħkem fuq ieħor. B'hekk, xi mkien, fuq naħa jew fuq oħra, il-libertà tkun ser tiġi maħnuqa. Il-poplu Iżraelit ried jeħles mill-ħakma tal-Eġittu u jikseb il-libertà tiegħu. Biex seħħlu jagħmel dan, qabel, kellu jinqatel l-ewwel iben ta' kull Eġizzjan. Iktar tard, l-istess poplu Lhudi kellu jġarrab it-telfa ta' sitt miljuni minn uliedu qabel kiseb il-libertà tiegħu. Imma, b'ironija kbira, dan l-istess poplu, li ġarrab daqstant u li, suppost, jaf xi tfisser li tkun imċaħħad mil-libertà, huwa nnifsu wettaq bosta delitti fuq il-poplu Palestinjan biex iħares il-libertà territorjali li kiseb! Anki l-poplu Palestinjan kellu jwettaq bosta għemejjel ta' terroriżmu bl-għajta li b'hekk biss seta' jsemma leħnu u jikseb l-għarfien tiegħu wara li kien tilef il-libertà deċennji ta' snin qabel.

Kull fejn, fid-dinja, kien hemm, għad hemm u jibqa' jkun hemm konflitt, dejjem dwiet, u tibqa' tidwi, l-għajta għall-libertà. Fl-Irlanda, dwiet taħt il-bixra tar-reliġjon. Fil-Balkani, minħabba mibegħda etnika. Fl-imgħoddi, seħħew ġrajjiet li f'uħud minnhom inxtegħlet il-fjamma tal-libertà. F'uħud, baqgħet iddawwal waqt li, f'oħrajn, intfiet wara ftit taż-żmien. Ir-rivoluzzjonijiet li saru fi Franza, fir-Russja u l-kolp ta' stati li saru madwar id-dinja, seħħew fuq l-istess għajta. Jekk titwarrab dik ta' Franza, fir-realtà, liema libertà kisbu l-oħrajn? L-isbaħ tagħlima jagħtihielna l-kittieb Ingliż, George Orwell, fil-kotba tiegħu *Animal Farm* u *1984*.

Delitti f'isem il-libertà għadhom iseħħu sal-lum, xi drabi, lanqas biss nintebħu li aħna stess inkunu qegħdin inwettquhom. Kemm aħna disponibbli nisimgħu lil ħaddieħor jesprimi fehmtu bla ma nipprovaw immewtulu leħnu? Kemm aħna lesti nħallu, jew nagħtu widen, lil tad-dar meta jiftħu ħalqhom? Kemm aħna disposti nirrispettaw il-libertà tal-ħsieb ta' ħaddieħor; tal-mara, tar-raġel, tat-tfal jew tal-ħaddiema fdati f'idejna? X'jiswa li dawn ikollhom il-libertà jsemmgħu leħinhom jekk, imbagħad, ma ntuhomx widen? X'jiswa li ngħidlek li għandek dritt titkellem jekk, fl-istess waqt, ma nagħtikx iċ-ċans tinstema'? Dawn ukoll huma kollha delitti f'isem il-libertà.

## Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun **informattiva u/jew ta' interess ġenerali** u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-fuljett ikun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna. Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibagħtilna *email* fuq: **maltakna@gmail.com**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jippubblika kull kitba li jista' jirċievi jew le.

# Lureta fil-kunvent

***Novella ta' Anthony Said minn Floriana***

Fost is-seba' aħwa li kellha Lureta, forsi l-aktar waħda tixbaħha kienet Tereża. Bħal oħtha, minn dejjem kienet fuq ruħha u taqla' l-inkwiet. Għalhekk, meta wriet l-intenzjoni li tidħol soru, ħafna ħaduha b'sorpriża, mhux l-inqas il-ġenituri tagħha. "Taf kemm ser iddum soru dik, mill-Milied sa San Stiefnu," qal missierha. "Mela dik se tissaporti magħluqa ġo kunvent għal ħajjitha?"

Imma Suor Veronica, l-isem li ħadet mal-ordinazzjoni, hemm baqgħet, fil-kunvent, fejn kienet tagħmel bosta affarijiet; tgħallem id-duttrina u l-Malti, taħdem il-bizzilla u l-ganċ, tħit u mitt ħaġ'oħra. Kultant żmien, Lureta kienet taqbad tal-linja u tmur iżżur lil oħtha. Il-kunvent ta' Santa Clara ma tantx kien 'il bogħod mill-waqfa tal-linja. L-aħwa kienu jifirħu jaraw lil xulxin u kienu jqattgħu sagħtejn jikellmu fuq kull ma jiġi f'moħħhom.

Il-kunvent kien mibni fuq għolja fil-kampanja u, miegħu, kellu dar maqsuma f'appartamenti fejn kienu jagħmlu l-irtiri. Kultant, kienu jikru xi wieħed mill-appartamenti għal żmien qasir. Jum wieħed, tlitt irġiel qishom neguzjanti waslu fejn id-dar ta' maġenb il-kunvent. Wieħed minnhom kien qed iġorr bagalja tawwalija. Daħlu u telgħu fis-sular ta' fuq fejn kien hemm l-appartment mikri minnhom. Daħlu, għalqu l-bieb, marru dritt fil-kamra ta' wara u fetħu t-tieqa.

"Perfett!" qal Boris, il-kap tagħhom hekk kif ra l-veduta u ffoka fuq dar partikolari; villa kbira bil-pool u ġnien tant kbir li, minn dik it-tieqa, ma kienx jidher kollu.

"Ibda arma, Renz," qal lil sieħbu li kien tiratur prim. Renzo fetaħ il-bagalja u minnha ħareġ xkubetta kbira b'mira teleskopika u beda jarmaha fuq trepied fuq ħoġor it-tieqa. Kif lesta, ħareġ kaxxa bullets u daħħal tlieta minnhom ġol-*magazine*.

"Lesta, Boris," qallu Renzo.

"Tajjeb, Renz," wieġeb Boris. "Issa nistennew sakemm dak l-imherri joħrog biex jinżel jgħum. U ser tkun l-aħħar għawma tiegħu għax ħa jkollhom itellgħuh mill-pool!"

It-tlitt irġiel bdew jidħku bejniethom u jiċċaċċraw qishom kienu diġa' wettqu dak li ġew biex jagħmlu.

Fil-kamra biswit dik fejn kienu l-irġiel, imma li kienet parti mill-kunvent, Lureta u oħtha s-soru kienu għadhom jitkellmu bejniethom. Kif daħlu l-irġiel fl-appartament ta' mal-kunvent, l-anzjana semgħethom.

"Mela bqajtu tikruhom dawn l-appartamenti?" staqsiet Lureta lil oħtha. "Donnu daħal xi ħadd!"

"Iva." wieġbet suor Veronica. "Il-madre tgħid li aħjar indaħħlu xi ħaġa minnhom milli nħalluhom battala. Xejn xejn, jintużaw. Imma nikruhom għal żmien qasir."

"Għadu kif daħal xi ħadd għax smajthom jitkellmu," kompliet Lureta. "Smajthom?"

"Jien lanqas inkun naf li ġew mikrijin għax kollox Madre Ċeċilja tieħu ħsieb," tenniet is-soru. "Jien immur innadaf darba kultant u daqshekk."



Lureta marret tħares mit-tieqa biex forsi tisma' għaliex kienu qed jidħku dawk l-irġiel. Lilhom ma rathomx għax it-twieqi kienu mal-istess ħajt imma, dak li rat, kexkixha.

"Xi ġralek Luret? Kif bjadt!" qalet Veronika kif rat lil oħtha mbellha u tirtogħod. Lureta għamlitilha sinjal biex ma tgħajjatx.

"Ma nafx kif ser naqbad ngħidlek Tereż imma, fit-tieqa ta' maġenbna, hemm xkubetta!" sefsfet Lureta, bilkemm tinstema'.

"X'inhi? Xkubetta?" qalet oħtha bil-mod kemm setgħet. "U ħallina minnek Luret; mela qed toħlom?"

"Mur u ara b'għajnejk stess," qaltilha oħtha. Veronica qamet, marret fejn it-tieqa u, kif reġgħet marret lura ħdejn oħtha, qaltilha, "Hawn żgur se jsir xi delitt!" Kienet ser tgħid xi ħaġ'oħra imma waqfu għax, fis-sikta, semgħu lill-irġiel jitħaddtu bejniethom.

"Issa, kif neliminaw lil dan, xejn mhu se jżommna milli nieħdu f'idejna dik il-villa bl-art kollha ta' madwarha u ntellgħu l-blokka," qal Boris.

"Ħaqqu! Messu għamel bħal ħutu u bigħhielna meta offrejnilu penthouse f'nofs tas-Sliema," qal Renzo. "Imma dan rasu iebsa wisq! Issa jara kemm għamel ħażin meta rrifjuta l-offerta tagħna għax rasu ntajruhielu!"

"Daqt jasal il-ħin, boys. Għaxar minuti oħra," qal Boris. "Lesti ruħek, Renzo!"

"Jien ħa mmur inġib naqra kafè," qal Kenneth. "Tridu?"

"Aħjar le għax ma rridx nitlef il-konċentrazzjoni," wieġeb it-tiratur. Kif Kenneth telaq, Boris dar fuq sieħbu. "Ara ma tmurx tgħidlu lil Ken li aħna ser nieħdu għaxart elef lira kull wieħed tal-lum!" qallu Boris. "Lilu, il-boss tlitt elef biss ħa jtih."

"Mhux bix-xieraq jew?" qal Renzo waqt li qagħad iħares minn ġot-teleskopju biex jiffoka fuq il-*pool* tal-villa. "Dak x'ġie jagħmel magħna? Xejn ħlief jiċċassa u jsuq il-karozza!"

Lureta u oħtha semgħu kollox u qabadhom biża' kbir.

"Aħjar inċemplu l-puluzija Tereż," qalet Lureta.

"Imma, jekk idumu, ikun tard wisq għax id-delitt

ikun laħaq sar," wieġbet is-soru. "Ara x'nagħmlu; inċemplu xorta imma, sadattant, immorru nippruvaw inwaqqfuhom." U hekk għamlu.
"Jien qed nibża' Terez," qalet Lureta. "Imma niġi, forsi nsalvaw ħajja ta' bniedem."
Biex jgħaddu mill-kunvent għall-appartamenti, użaw bieb żgħir li kien jinfed. Telgħu fuq u s-soru ħarġet ċavetta li kienet tuża biex tidħol tnaddaf. Daħlu u kienu sejrin dritt fil-kamra fejn kien hemm l-irġiel imma semgħu lil xi ħadd fil-kċina. Lureta sabet bastun u, kif waslet ħdejn il-bieb, rat raġel b'dahru lejha qed jagħmel kikkra kafè. Inħasdet ukoll għax rat pistola fuq il-mejda. Dak induna li kien hemm xi ħadd u dar f'daqqa. Kif ra lill-anzjana, kien ser imur biex jaqbad il-pistola imma Lureta daħlet fuqu, għolliet il-bastun u difnet it-tarf ġol-istonku tiegħu. Ir-raġel karab, għamel idejh fuq żaqqu u tgħawweġ bl-uġigħ. L-anzjana ma tatux ċans jirkupra u xarrbitlu daqqa ġo għonqu li naxritu b'tisbita fl-art.
"Luret, int kollox sew?" staqsiet oħtha meta rat x'għamlet.
"Ara x'kellu dak!" qalet l-oħra wara li wrietha l-arma fuq il-mejda. "Dawn ġew ippreparati sew!"
Iż-żewġt aħwa telqu mill-kċina u marru dritt fejn il-bieb tal-kamra ta' ġewwa. Is-soru ħabbtet fuq il-bieb u diġá kienet taf x'ser tagħmel. Iż-żewġ assassini nħasdu u ħarsu lejn xulxin. Imbagħad, Boris qam u mar jiftaħ għax kien qed jistenna lil sieħbu imma, meta ra lil Lureta, kerrah wiċċu u kien ser joħroġ il-pistola tiegħu mill-but tal-ġlekk. Malli rat hekk, Lureta qabdet il-bastun u niżżlitu b'kemm kellha saħħa fuq spalltu. Boris għajjat għajta u waqa' fl-art, jilheġ bl-uġigħ fl-għadma ta' spalltu. Renzo dar u huwa wkoll kien ser joħroġ arma imma s-soru qabdet skutella taċ-ċeramika, l-ewwel ħaġa li ġiet f'idejha, u waddbithielu. It-tiratur intlaqat fuq ġbinu, dar dawra u waqa' fuq l-ixkubetta li għelbet,



ħarġet mit-tieqa u baqgħet nieżla tliet sulari għal ġol-bitħa. Renzo qabdu sturdament kbir u baqa' minxur fuq ħoġor it-tieqa.
"Telliftuna! ... Għalfejn indħaltu? ... Konna kważi lestejna! ... " qal Boris jitkellem bejn snien iqarmċu u jdawwar rasu f'dagħdigħa ta' wġigħ u frustrazzjoni għax intebaħ li, issa, kollox kien mitluf.
"Tgħid ma konniex se nħallukom ittemmu l-ħajja ta' bniedem hekk?" qalet Lureta. "U issa lestu ruħkom għax ġejjin il-puluzija għalikom u l-inkwiet tagħkom għadu ser jibda!"
Ftit wara, waslu tliet karozzi tal-puluzija u ħadu lit-tlitt irġiel ġo ċella. Niżlu fil-bitħa, ġabru l-ixkubetta u żiduha mal-armi kollha li sabu fuq it-tliet kriminali. Il-puluzija damu jinterrogaw lill-Madre u din ħalfet li, qabel terġa' tikri xi appartament lil xi ħadd, tindaga sew min huma l-kerrejja.
Il-mawriet li kienet tagħmel kull xahar Lureta għand oħtha, Suor Veronika, komplew qisu qatt ma ġara xejn imma, issa, kellhom xi ħaġa oħra fuqiex jitkellmu għax li twaqqaf tlitt irġiel armati sa snienhom milli jwettqu delitt ma kinitx ħaġa li tintesa malajr.

**On the bereavement of my brother, Tony (Ninu, for us) in Australia on Thursday, 24th July 2025**

Adieu!  Never more!  My brother!  Brocade!
Oh, hard working, never grumbling!
I'm still hearing your voice, victim, victor!
Harmonious voice enclosed in a pinch of laughter and delight.
What a beautiful and musical vocal timbre
bearing Mediterranean sunny colours and brightness bubbling, Maltese hues!
Oh Death!  Oh never more!  Oh the blue Mediterranean, I salute you.  No thought of! I salute you.  End of it!
From your deep, deep pocket!  Shine!
Good bye, daylight, earthly Christ, chromatic chubby.
Never more!  Peeled the last bells!  Peaceful!
And close!  Oh, lay the last stone!
No more, brother!  No more!  No face!  No tears!
However, let Hope hover!  Be it in Malta or in Australia.
Eternal Hope!
And shut it!

***Karmenu Mallia,***
***Note - This poem follows the original style called: Sprung Rhythm, by the English Jesuit poet, Gerard Manley Hopkins.***

# The wife

*A story by Liz Bajada*



It was well after midnight when Mark got home. He stealthily crept up the staircase, using the light of his mobile, and headed straight to the spare bedroom as he did not want to wake up Carol, his wife. He had had one of the usual tiffs with her that morning before leaving for work. Repeatedly, she had warned him that she could no longer accept the fact that he was always absent from home. Normally, Mark came up with the excuse that he needed to work late as they were short staffed and he needed to tackle urgent work to meet deadlines. That morning, before leaving the house, she had warned him that, if matters did not change, she would leave the house for good. He merely brushed passed her in anger and walked out huffing and puffing.

The next morning, as was the norm, he got up, showered and went to their bedroom for a change of clothes. He immediately noticed that the common bed had not been slept in. He went down to the kitchen and there, on the table, was a note which read, "I have gone away and I don't know whether I would be returning. I need time to think things over." Stunned, he slumped down in a chair. Although he read the note a couple of times, he, somehow, could not digest the contents. What did she mean by 'gone'? What about him? What about their two children?

He hurried up to their rooms to see whether they had any idea of what was happening. On entering and finding the rooms in order and empty, he remembered hearing them tell their mum that they intended to join a group of teenagers who were doing voluntary work in Peru. It would be useless phoning them. He realised that, for the first time in the eighteen years that he had been married, he had to tackle this issue all on his own. Why had he not listened to her and done something about it when she had pointed out that he was always absent in family outings and occasions, like the children's parents day, prize day in school and also in their school leaving ceremony? Suddenly, he broke up in a sweat. "I must keep calm!" he tried to convince himself while, agitatedly, he paced up and down the corridor. "Yes, she will not only return but she will come crawling back asking for pardon!" And, with that feeble thought to boost his broken pride, he strode off to the office to start his day.

When Mark had brushed past her that morning, Carol felt the blood rushing to her head with the anger that was boiling within her. She loved the man and knew that the only mistress that he ever had was his work. However, after eighteen years of bearing the load of responsibility, taking decisions, handling the kids' problems, on top of looking after the house, she decided that enough was enough and that Mark needed to be shocked back to his right senses.

She, immediately, called a travel agent and booked the first flight available to Sicily, together with a room in a small but comfortable B&B. As the kids grew up, she had started to work from home with a small firm and that gave her some spending money. Now, she was in a position to give herself a holiday; something Mark had never bothered to do.

Carol got to Sicily that afternoon and, immediately, went to sleep as she was feeling fagged out after the day's hassle. The next day, she woke up not knowing exactly where she was. However, after a few minutes of feeling a bit disorientated, she got up, took a long, relaxing bath, something she could not remember doing for ages, got dressed and went down for breakfast. It felt so good to be served that delicious Italian food, enjoying every morsel to the final bite!

The morning flew past as she walked the streets, did the shops and stopped for a nice plate of pasta with fresh sea food and a coffee. She sent a message to the kids enquiring how they were getting on in Peru but never mentioned that she was not at home.

A week passed and now Mark was getting really worried as his various messages and calls remained unanswered. He hated coming home to an empty house. There was no food ready for him and the dirty clothes were piling up as he was always hoping that Carol would return and do the washing, as she always did. At some point, he even entertained the nagging thought that Carol could have run away with another man and this, really frustrated him. Finally, on Sunday morning his phone rang. It was Carol. "Hi Mark," came a cool voice from the other end of the line. "I found a number of missed calls. What do you want?"

For once in his life, Mark froze and was speechless. He was boiling with anger but a lump in his throat prevented him from uttering a single word. Suddenly, he found his voice and blurted out all the feelings that had accumulated within him during the last seven days. He only stopped when he realised that Carol had not even uttered one word during his tirade of hurt feelings, excuses and accusations. Was it possible that she had hung up? Oh God, please no!

He was very much relieved when he heard her say: "Mark, you have had your outburst. I admit, I have been absent from home for a week. Now, may I remind you, once again, that you have been absent from home, not for just a week, but for eighteen years! I had been trying to draw your attention to this but you not only didn't listen but also ignored me completely.

You always put your work before the family! I'm sorry to let you know that you have missed out on a lot, especially with the kids, and, unfortunately, the time lost will never come back. Unless you realise that happiness is found in the home and within the family, my coming back home would be useless. I am prepared to give our living together a second chance. However, your lifestyle must change! You need to be home earlier, spend more quality time with the children and make your presence felt in the house. As far as I am concerned, this is the way forward! It is, now, entirely up to you! I still love you Mark but you have to change!" With this, Carol put down the phone. She had said all that she had long been wanting to say. She surprised herself at how calmly she had talked to her husband. It was now up to him to take the next step. In the meantime, she had nothing else to do but wait.

Later that day, Mark phoned Carol. She had not expected him to come back so soon! She picked up the phone expecting the worst. "Hi Carol," he said, "we need to talk! I had never realised how empty my life would be without you. I want to tell you that you are irreplaceable! You are my wife and I love you dearly. Please, give me a second chance and I promise that I will try very, very hard to change my ways. Please, do come back to me!"

---



# Dik l-imbierka Tombla

***Kitba ta' Frankie Piccinino***

Ikolli nistqarr li t-Tombla mhijiex xi favorita tiegħi imma l-mara tħobbha u, kultant, tkaxkarni magħha lejn il-każin. Xi trid tagħmel? Esperjenza oħra!

Meta tidħol, l-ewwel ma tara geġwiġija nies bilqiegħda, lanqas għandhom paċenzja jistennewha tibda għax, sadattant, xi wħud joqogħdu jilagħbu l-karti wkoll biex, bħal speċi, isaħħnu l-magni għat-tellieqa li tkun għadha ġejja.

F'xi ħin, jinstema' leħen Ġużi tat-Tombla jagħmel l-avviżi. "Min irid jilgħab, jista' jixtri l-biljetti malajr kemm jista' jkun għax dalwaqt nibdew intellgħu. L-ewwel għaxra normali u l-għaxra ta' wara doppji. U (jekk ma tagħlix) hemm il-biljetti mal-prima wkoll!"

Iktar geġwiġija, storbju, għajjat u tferfir tal-idejn sakemm leħen Ġużi tat-Tombla jerġa' jpoġġi lil kulħadd f'postu. "Ser nibdew! *Eyes down! First number!"* Skiet perfett; għajnejn imberrqin iċċassati lejn il-biljetti fraġili tal-karti; lapsijiet jirtogħdu f'idejn qishom tal-*jelly*; qlub iħabbtu mgħaġġel flimkien ma' tamiet fiergħa li, din id-darba, is-Sinjura Fortuna ma tibqax għaddejja mgħaġġla minn maġenbhom b'wiċċ imqit imma tieqaf naqra ħdejhom u titbissmilhom kemm kemm ukoll. L-eċitament tista' taqrah fid-duħħan tas-sigaretti.
Lanqas laħaq għajjat għaxar numri li xi ħadd ma qalx xi ħaġa u Ġużi nstema' jgħid: "*Line call*!" Xi wħud ilmentaw li gidimhom għax daħlu kmieni għal numru wieħed imma dan baqa' fil-borża.

U għax mhux possibbli toqgħod għal xi għoxrin logħba Tombla mingħajr ma titrejjaq, biex ikomplu jżidu mal-konfużjoni organizzata, fuq l-imwejjed jaslu wkoll is-*sandwiches* u t-*toast*, il-*burgers* u l-birra, il-ħobż biż-żejt u ċ-*chips* u l-pastizzi u l-qassatat flimkien mal-kafejiet u t-tejiet u x'naf jien.

Imma leħen Ġużi malajr jerġa' jġib lil kulħadd *single file* daqs l-aħjar surmast tal-aqwa skola fid-dinja. "Li jmiss doppja; fifty ewro l-*line* u *two-hundred* ewro l-*house*!" U n-nies kulħadd fuq ix-xwiek għax, mal-*first* n*umber*, terġa' tizbroffa l-Etna tad-duħħan tas-sigaretti akkumpanjat minn silenzju ta' qabar.

Kif jitilgħu l-ewwel ħmistax-il numru, jibda ċ-ċaqliq u l-infiħ. Diġà hawn min daħal u l-mara lanqas vers għadha m'għaqqdet! F'daqqa waħda: "Fatta!"

"Ix-xjafek! Taf kemm ili mdaħħla!" splodiet waħda.

"Ftira u flixkun luminata!" qalet oħra li kienet għadha ma qatgħetx qalbha.

Lili xejn ma impressjonani imma, naturalment, kelli noqgħod hemm sal-aħħar; minħabba l-mara! Li skantani l-aktar huwa s-skiet perfett li jżommu l-lagħaba waqt li jkunu telgħin in-numri; li ma jmorrux jieħdu xi żball f'xi wieħed u jitilfu xortihom! U, biex ngħidu kollox, Ġużi tat-Tombla għandu ħabta jerġa' jġib lil kulħadd f'sensih jew, aħjar ngħid, ikompli jġennu iktar milli kien. "Din li ġejja hija l-aħħar tombla." Silenzju kważi reliġjuż! "L-ewwel tliet *lines*, *fifty* ewro l-wieħed u l-*house* elfejn ewro!"

Ksaħt, mhux ċert jekk kontx qed nisma' tajjeb. Ġa bdejt inxarrab it-truf ta' subgħajja bir-rieq biex inkun nista' ngħoddhom sewwa. Imma bqajt b'xiber imnieħer għax ix-*sharks* fl-art qegħdin, mhux fil-baħar. Mhux żgur laħaq għajjat tużżana u nofs numri b'kollox li għajta li kont tista' tismagħha minn Sqallija dwiet ma' kullimkien: "Fatta!" u l-elfejn ewro Alla m'għamilhom!

Sa fl-aħħar, bl-għajnuna t'Alla u ta' Ġużi tat-Tombla, is-serata ġiet fi tmiemha. Kif għidtilkom diġà, jien it-Tombla ma tantx inħobbha imma, billi kollox irid ikun, ħadtha bħala esperjenza oħra. Min-naħa l-oħra, inkunu ħmir jekk, minn kull esperjenza li ngħaddu minnha, ma nitgħallmux xi ħaġa wkoll. Għal min għandu għall-qalbu dan id-delizju, tajjeb ngħidulu li wieħed għandu dejjem jilgħab bil-moderazzjoni u bil-galbu skont il-mezzi tiegħu u ma jesaġerax billi jħalli l-logħob jilagħbu hu u jispiċċa biex joħloqlu problemi li, fir-realtà, m'għandux x'iridhom.



# TISLIBA Nru.121

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Ħasel ħażin (6)
5. ....ta' taħt fuq (6)
10. Nofs legleg issir riġel bl-Ingliż (3)
12. Tajjeb għalfejn tridu (5)
14. Il-maqlub ta' l-oċċident (5)
15. Snien li jkunu fuq ġewwa tal-Ħanek (4)
16. Att B'<Te> barra (2)
17. Wild in-nagħġa (5)
19. .... ta' tletin tfittex raġel bħall-għamjin (5)
22. Rilevanti; Li jitqies ma' ħaġ' oħra (8)
24. Ma baqax sejjer fejn kien (3)
25. Ħames għaxriet (6)
28. Kien trasportat (5)
31. Bexxa xita (5)
33. Xarba ġġelata bl'essenza tal-lewż/lumi (7)
35. Rata ta' pagamenti (5)
37. Bil-patt bl-Ingiz (2)
38. Kunjom li fil-bidu tiegħu ġera?! (6)
39. Enerġiku (5)

**Weqfin:**
2. Warrab; Skarta (5)
3. Invalidu (4)
4. Min jissega (7)
6. .... kelmet il-Malti minn ħalfet is-sultan (qawl) (5)
7. Rużar .... Poeta famuż Malti (6)
8. Frotta tal-ballut (6)
9. Vojt (6)
11. L-ewwel mara (3)
13. Wild il-bniedem mhux miftum (7)
18. Daqqiet ta' għajn (4)
20. Imċajpar (7)
21. Lampa bla missier?! (3)
23. Spekulattiv (9)
26. Għorok u għasar sewwa (6)
27. Niżżel f'nifs wieħed (6)
29. Qligħ b'kumbinazzjoni (6)
30. Dawn makakki fl-arti maġika (6)
32. ... Marija! (3)
34. Mhux fuq (5)
36. Frott li ssibu fil-borza ta' San Martin (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 120 intrebaħ mis-Sinjura Dolores Montabello, Mosta, Prosit!

---

Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 120

**Mimdudin:** 1. dragut, 5. olanda, 10. nil, 12. raqas, 14. ċajta, 15. sħab, 16. pa, 17. makku, 19. aħjar, 22. insinwat, 24. ara, 25. estrem, 28. rkada, 31. grass, 33. gradwat, 35. ittra, 37. ad, 38. attwat u 39. saqqu.
**Weqfin:** 2. razzan, 3. ganċ, 4. taljani, 6. laqam, 7. amoruż, 8. rdossa, 9. fartas, 11. iap, 13. sikrana, 18. qrar, 20. jassari, 21. art, 23. normalita, 26. madmad, 27. pagoda, 29. attent, 30. agatha, 32 sit, 34. weraq, u 36. rat.



# Titwiliet Għawdxin

*Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex*



**It-Triq tal-Għajn**

Nibda billi nistqarr li dan huiwa raħal twelidi. F'dawk iż-żminijiet ta' sebgħin sena ilu, dan il-lok kien għadu jikkonsisti minn ftit triqat biss; kont tista' tgħoddhom fuq subajk. Illum, infirex ġmielu, żdiedu bosta toroq u, formalment, sar jismu l-Fontana. It-triq prinċipali x'aktarx tibqa' dik li tat l-isem oriġinali (u popolari) tal-inħawi u dan minħabba għajn pubblika li kienet tintuża għall-ilma u għal ħasil tal-ħwejjeġ. Anzi, għalkemm, formalment, illegali, għad hemm min ifettillu jmur jaħsel il-karozza hemm.

Veru li teżisti referenza dokumentarja li tmur lura sas-seklu erbatax imma l-Għajn il-Kbira nbniet fi tmiem is-seklu sbatax, dekorata bl-armi (jew stemmi araldiċi) tar-Re Sqalli, Karlu III, il-Gran Mastru Carafa u l-*Universitas,* minquxin fil-ġebel. Fil-fatt, hawnhekk kien magħruf għan-nixxigħat (per eżempju, tal-Għajn ta' Bendu u dik tal-Bhejjem) li, ġieli, kienu jintużaw mill-bdiewa b'restrizzjoni għal meta jmisshom. L-ilma dejjem kien prezzjuż tant li kellhom permess li jsaqqu anki nhar ta' Ħadd. Anki l-motto, *Inundatione ferax* (fertili għax ifur) ifakkar f'dan l-element tant essenzjali. It-triq li twassal għax-Xlendi nistgħu ngħodduha parallela mal-Wied tal-Lunzjata għalkemm, fil-mapep tal-Kunsilli Lokali, dix-xtajta (li, ftit ftit, saret raħal) tpoġġiet taħt ir-responsabiltà tal-Munxar.

Il-knisja parrokkjali ġejja mill-bidu tas-seklu għoxrin. Fil-faċċata, naraw żewġ statwi ta' San Pietru u ta' San Pawl li ttieħdu mill-knisja ta' San Ġorġ meta fil-kor t'hemmhekk tpoġġew pitturi ta' dawn iż-żewġ appostli. Artisti rappreżentati f'dil-knisja jinkludu lil Giuseppe Calì (il-kwadru titulari nkurunat u San Mikiel) u Lazzaro Pisani. Iktar magħna, naraw, bi prominenza, frott il-ħidma matul tletin sena ta' Pawlu Camilleri Cauchi. Dan kien l-iben il-kbir ta' Wistin Camilleri li, fl-1923, kien għamel l-istatwa titulari fil-kartapesta (indurata fl-1985) li, sintendi, tinħareġ fil-purċissjoni f'Ġunju. Inżid ngħid li, matul bosta snin, il-livell tan-nar (kwantità u kwalità) kien sorprendenti. Min-naħa l-oħra, ma nistax ma nsemmix l-inċidenti fatali li kien hemm u, infatti, huwa veru miraklu li ma kienx hemm iktar.

Peress li bosta familji kienu fix-xogħol tas-sajd, il-preferenza oriġinali għat-titular kienet favur Sant' Indrija, il-patrun tas-sajjieda. Imma, b'kundizzjoni magħmulha mill-Isqof, ĠM Camilleri biex setgħet titwaqqaf, il-parroċċa kienet dedikata lill-Qalb ta' Ġesù. Kellu sehem importanti għal dan l-iżvilupp tal-1911 dak li kellu jsir l-ewwel kappillan, Dun Ġużepp Hili. Għalih, issemmiet triq ġdida li, ma nesaġerax ngħid, bdiet il-mixja għall-espansjoni u li, fiha, twelidt jien.

Xtaqt nirreferi għal triq qadima li għandha ċertu interess mhux l-inqas peress li, faċilment, isimha jiżgwida sew lil min ifittixha. Infatti, Triq l-Isptar m'għandha x'taqsam xejn ma' sptarijiet li jiġu f'moħħna; la dak ċentrali fi Pjazza San Franġisk (illum il-Ministeru u l-bini amministrattiv) u lanqas dak ġenerali, li kienet poġġiet l-ewwel ġebla tiegħu r-Reġina Eliżabetta II. Forsi nkunu iktar korretti jekk ngħidu l-Isptar San Ġiljan sħiħ li l-binja tiegħu ntużat għas-Seminarju (meħtieġ għad-djoċesi l-ġdida fl-1864) tefgħa ta' ġebla 'l bogħod.

Il-knisja parrokkjali hi ċ-ċentru fi gżiritna tal-Ordni Ekwestru tas-Santu Sepulkru u, pjuttost naturali, tad-devozzjonijiet djoċesani lejn il-Qalb ta' Ġesù. Il-Moviment Ewkaristiku Għawdxi waqqfu Mons Rużar Borg, bin dar-raħal.

U, la qed nirreferi għal individwi, ta' min jgħid li wieħed mill-ftit Presidenti waqt il-ħajja (imwaqqfa ħesrem) tal-Kunsill Ċiviku t'Għawdex kien missieri, Anton, li, oriġinarjament, beda jirrapreżenta dil-lokalità.

Dan ir-raħal għadu miż-żgħar u, sfortunatament, mhumiex ftit ir-residenti li ma rnexxilhomx irawmu identità parrokkjali (forsi għax isibuha iktar komda jinqdew f'xi waħda mill-bosta knejjes fil-qrib ġewwa r-Rabat stess). Xorta jmorru lil hemm mill-festa patrunali: fosthom, Sant' Indrija, tar-Rużarju, tad-Duluri u tal-Irxoxt. U tistagħġeb kemm inizjattivi innovativi tfaċċaw hawn!

Jien stess kont xi ftit involut fi proġett kbir tal-millenju. Il-kappillan ta' dakinhar (il-mibki Mons Ġorġ Bezzina) ħolom li jorganizza l-konsagrazzjoni tad-djar (jew il-familji) kollha Għawdxin lill-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija. Issogra u rnexxa għax, dawk li telqu, kienu total insinjifikanti. Bl-għajnuna ta' riġment saċerdoti u lajċi minn madwar id-Djoċesi, ġabar anki ċertu tagħrif li għen lill-kappillani jaġġornaw dettalji dwar il-parruċċani rispettivi.

Anki radju kommunitarju għandhom u, saħansitra, għal xi snin, eżista wkoll klabb tal-futbol li kien iġib l-istess isem ta' Fontana.



# Pitturi famużi

***Kitba ta' Vincent Piccinino***

**Henri Matisse 1869 – 1954**

Flimkien ma' Pablo Picasso, Henri Matisse huwa meqjus bħala wieħed mill-artisti l-aktar li għenu jiddefenixxu l-iżvilupp rivoluzzjonarju fl-arti viżiva tal-bidu tas-seklu għoxrin. Permezz tal-użu intens ta' kuluri vivaċi, flimkien ma' simplifikazzjoni fid-disinn, Matisse pinġa ħemel kwadri bi stil dekorattiv immens.



It-tifel il-kbir ta' negozjant tal-qamħ, Henri twieled fil-31 ta' Diċembru tal-1869. Ta' tmintax-il sena, fl-1887, mar Pariġi biex jistudja l-liġi. Beda jpinġi sentejn wara, jiġifieri, fl-1889, wara li ħuh xtralu sett tat-tpinġija biex jgħaddi ż-żmien waqt li kien għaddej minn żmien ta' konvalexxenza wara attakk tal-appendiċite. Kif qal hu stess, hekk skopra l-Ġenna u, minn hemm 'il quddiem, iddiżappunta lil missieru għax iddeċieda li jsir pittur flok avukat.

Għall-ewwel, Matisse beda jpinġi bl-istil tradizzjonali. Imma, fl-1896, Henri Matisse, student tal-arti li kien għadu ma jafu ħadd, iltaqa' mal-pittur Awstraljan John Russell li ntroduċieh mal-Impressjoniżmu u max-xogħol ta' Vincent van Gogh. Minn hawn, l-istil ta' Matisse nbidel għal kollox. Abbanduna l-kuluri skuri u beda jaddotta paletta ta' kuluri jgħajtu.



Fl-1898, Henri Matisse spiċċa midjun minħabba li kien jixtri ħafna kwadri ta' pitturi li kien jammira. F'April tal-1906, Matisse ltaqa' ma' Pablo Picasso li kien ħdax-il sena iżgħar minnu. Saru ħbieb għal għomorhom u, fl-istess ħin, rivali fit-tpinġija fejn Matisse kien ispirat minn natura filwaqt li Picasso aktar kien inklinat li jpinġi mill-immaġinazzjoni tiegħu.

F'Lulju tal-1939, il-mara ta' Matisse, Amelie, issusspettat li Henri kellu relazzjoni mal-kumpanna Russa tagħha, Lydia Delectorskaya. Amelie telqet lil Henri wara li dawn qasmu kollox bejniethom. Lydia għamlet attentat ta' suwiċidju billi sparat lilha nnifisha f'sidirha imma, mirakolożament, baqgħet ħajja u mingħajr ma sofriet konsegwenzi serji. Wara, Lydia rritornat ma' Henri u baqgħet taħdem miegħu u tieħu ħsiebu sal-aħħar ta' ħajtu.



Matisse kien Pariġi f'Ġunju 1940 meta n-Nażisti Invadew Franza imma rnexxielu jmur lura Nizza, fejn kien joqgħod. Ibnu Pierre, li kellu gallerija tal-arti fi New York, talbu bil-ħniena biex jitlaq minn Franza. Għall-ewwel, Matisse kien ser imur il-Brażil imma reġa' bdielu u baqa' Nizza, parti mill-*Vichy France*. "Ħassejtni qisni ser naħrab!" qal lil ibnu. "Jekk kull min jiswa nitfa xi ħaġa jitlaq, x'jibqa' għal Franza?"



Fl-1941, Matisse qabdu kanċer fl-istonku. Kien operat b'suċċess imma kien hemm xi kumplikazzjonijiet serji li, minħabba fihom, kważi miet u, għalhekk, kellu jagħmel xi żmien fis-sodda. Matisse ġab avviż fil-ġurnal li kellu bżonn *nurse* biex tieħu ħsiebu. Huwa għażel lil Monique Bourgeois u, bejniethom, żviluppat ħbiberija platonika. Meta nduna li hija wkoll kienet dilettanta tat-tpinġija, Matisse għallimha l-perspettiva. Fl-1944, Monique telqitu biex daħlet f'kunvent u saret soru Dumnikana fl-1946.

Barra mill-pittura, Henri Matisse kien anki skultur u ma kienx jiddejjaq jesperimenta b'forom ta' arti differenti għax kien isostni li l-artist qatt m'għandu jkun priġunier tiegħu nnifsu; jew priġunier ta' xi stil partikolari; jew priġunier ta' reputazzjoni u lanqas priġunier tas-suċċess!

Henri Matisse miet b'attakk tal-qalb fit-3 ta' Novembru tal-1954, meta kellu erbgħa u tmenin sena, u huwa midfun f'ċimiterju ġo Nizza, fejn kien jgħix.

Fl-2005, kwadru ta' Henri Matisse intitolat *The Plum Blossoms*, tal-1948, inxtara mill-Mużew tal-Arti Moderna ta' New York għal madwar ħamsa u għoxrin miljun dollaru Amerikan.